2025/41

22.1.2025

REGOLAMENT (UE) 2025/41 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Diċembru 2024

dwar miżuri ta' importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu għal armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon, li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrikar illeċitu u t-traffikar tal-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar)

(riformulazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Jenħtieġ li jsiru għadd ta' emendi għar-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) sabiex jiġu stabbiliti regoli komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali, il-munizzjon, l-armi tal-allarm u tas-sinjal, l-armi tan-nar diżattivati, l-armi tan-nar nofshom lesti, il-komponenti essenzjali nofshom lesti, u l-moderaturi tal-ħoss. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi riformulat.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/748/KE ([3]), fis-16 ta' Jannar 2002 il-Kummissjoni ffirmat, f'isem l-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Iffabbrikar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-Munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali ([4]) (il-"Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar").

(3) Il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar, li għandu l-għan li jippromwovi, jiffaċilita u jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Parti bil-fini li jipprevjeni, jiġġieled u jeqred l-iffabbrikar illeċitu u t-traffikar tal-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom, daħal fis-seħħ fit-3 ta' Lulju 2005.

(4) Sabiex il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar jiġi implimentat, l-Unjoni adottat ir-Regolament (UE) Nru 258/2012. Il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar ġie ratifikat mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/164/UE ([5]).

([1]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2024 (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali)] u d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2024.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-tranżitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/748/KE tas-16 ta' Ottubru 2001 dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti fuq l-iffabbrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, anness mal-Konvenzjoni kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali (ĠU L 280, 24.10.2001, p. 5).

([4]) ĠU L 89, 25.3.2014, p. 10.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/164/UE tal-11 ta' Frar 2014 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll kontra l-Iffabbrikar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-Munizzjon Tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali (ĠU L 89, 25.3.2014, p. 7).

(5) L-Istati Parti għall-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar huma meħtieġa li jistabbilixxu jew itejbu l-proċeduri amministrattivi jew is-sistemi biex jeżerċitaw kontroll effettiv fuq il-manifattura, l-immarkar, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-armi tan-nar.

(6) La l-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar, u lanqas dan ir-Regolament, ma japplikaw għal tranżazzjonijiet bejn stat u ieħor jew għal trasferimenti statali f'każijiet fejn applikazzjoni bħal din tippreġudika d-dritt ta' Stat Parti li jieħu azzjoni fl-interess tas-sigurtà nazzjonali konsistenti mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(7) Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni tal-Artikolu 346 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirreferi għal interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri, b'rabta mal-produzzjoni u l-kummerċ ta' armi, munizzjoni u materjal tal-gwerra. Madankollu, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dik id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li tagħti lill-Istati Membri setgħa li jitbiegħdu mid-dispożizzjonijiet tat-TFUE sempliċiment billi jinvokaw dawk l-interessi. Għalhekk, l-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu użu mid-deroga permessa skont l-Artikolu 346 TFUE, iridu juru li tali deroga hija meħtieġa sabiex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom. Dan ir-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(8) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun konsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti l-oħra dwar l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali, il-munizzjon, l-armi tal-allarm u tas-sinjal, l-armi tan-nar diżattivati, l-armi tan-nar nofshom lesti, il-komponenti essenzjali nofshom lesti, u l-moderaturi tal-ħoss għal użu militari, l-istrateġiji ta' sigurtà, it-traffikar illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-esportazzjoni ta' teknoloġija militari, inkluż il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK ([7]) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/38 ([8]).

(9) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal tranżazzjonijiet f' armi tan-nar, komponenti essenzjali, munizzjon, armi tal-allarm u tas-sinjal, armi tan-nar diżattivati, armi tan-nar nofshom lesti, komponenti essenzjali nofshom lesti u moderaturi tal-ħoss li fil-qafas dirett jew indirett ta' relazzjonijiet kuntrattwali jew sostanzjati minn ċertifikati tal-utent aħħari, huma destinati għall-forzi armati, il-pulizija, jew l-awtoritajiet pubbliċi. Jenħtieġ li l-esklużjoni tinkludi tranżazzjonijiet ta' tali merkanzija għall-iżvilupp, l-ittestjar, il-produzzjoni, il-manutenzjoni jew il-preżentazzjoni, li jinvolvu entitajiet privati, meta l-prodott finali jkun esklużivament iddisinjat għall-forzi armati, il-pulizija jew l-awtoritajiet pubbliċi jew ikkonsenjat lilhom. Jenħtieġ li l-esklużjoni ma tkunx applikabbli għall-oġġetti tal-Kategorija C mibgħuta lil pajjiżi terzi, bħal armi tan-nar, komponenti essenzjali, munizzjon, armi tal-allarm u tas-sinjal, armi tan-nar nofshom lesti, komponenti essenzjali nofshom lesti, jew moderaturi tal-ħoss.

(10) Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2021/555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), li tindirizza t-trasferimenti ta' armi tan-nar għall-użu ċivili fit-territorju tal-Unjoni.Dan ir-Regolament japplika biss għall-importazzjonijiet fit-territorju doganali tal-Unjoni, għat-tranżitu u għall-esportazzjonijiet mit-territorju doganali tal-Unjoni. Għalhekk, l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali, il-munizzjon, l-armi tal-allarm u tas-sinjal u l-armi tan-nar diżattivati rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Unjoni huma soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2021/555. Barra minn hekk, dan ir-Regolament la jirregola s-sjieda tal-armi u lanqas il-liċenzjar ta' persuni privati, negozjanti jew sensara. Id-Direttiva (UE) 2021/555 tistabbilixxi regoli dwar l-akkwist u l-pussess, li jinkludu l-liċenzji għal persuni privati, negozjanti u sensara.

(11) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika,it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]).

([6]) Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1).

([7]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/38 tal-15 ta' Jannar 2021 li tistabbilixxi approċċ komuni dwar l-elementi taċ-ċertifikati tal-utenti aħħarin fil-kuntest tal-esportazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom (ĠU L 14, 18.1.2021, p. 4).

([9]) Id-Direttiva (UE) 2021/555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 115, 6.4.2021, p. 1).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1).

(12) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont il-miżuri restrittivi adottati b'deċiżjoni jew b'pożizzjoni komuni tal-Kunsill, jew li jirriżultaw mill-obbligi imposti mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/468/PESK ([11]).

(13) Ma hemm xejn f'dan ir-Regolament li jillimita kwalunkwe setgħa taħt u skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) jew ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([13]).

(14) Minħabba n-natura tal-merkanzija koperta minn dan ir-Regolament, xi simplifikazzjonijiet doganali, bħal dikjarazzjonijiet orali, ma jistgħux jiġu applikati.

(15) Meta l-armi tan-nar ma jkunux immarkati kif suppost f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu li jeqirdu l-armi tan-nar issekwestrati bl-ispejjeż iġarrabhom l-importatur.

(16) Jenħtieġ li l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon jiġu ddikjarati biex jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera biss jekk ma jkunux immarkati kif suppost f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555. Sakemm isir dak l-immarkar, jenħtieġ li l-importaturi jpoġġu l-armi tan-nar taħt proċedura doganali oħra, bħal dik tal-ħażna doganali, tal-ipproċessar attiv jew taż-żoni ħielsa, li matulha jistgħu jimplimentaw ir-rekwiżit tal-immarkar, fil-bini tagħhom stess jew f'bini ieħor, bħal f'ċentri tat-testitjiet nazzjonali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni. Madankollu, persuni li n-negozju tagħhom jikkonsisti fil-manifattura, il-kummerċ, l-iskambju, il-kiri, it-tiswija, il-modifika jew il-konverżjoni ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon, jenħtieġ li jitħallew jimmarkaw armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2021/555, mingħajr dewmien wara r-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera, peress li dik id-Direttiva tippermetti dan u tipprevjeni t-tqegħid fis-suq ta' merkanzija mhux immarkata. Madankollu, jenħtieġ li dawk il-persuni jikkonformaw mar-rekwiżit stipulati fl-Artikolu 8(1), il-punt (b), tal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar, li jindika l-ħtieġa li jiżdiedu marki tal-importazzjoni mal-armi tan-nar.

(17) Jenħtieġ li l-armi tan-nar diżattivati jiġu ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għad-dħul temporanju f'każijiet ta' persuni mhux stabbiliti awtorizzati jagħmlu dan b'dan ir-Regolament, biss jekk ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikat ta' diżattivazzjoni rilevanti u jkunu mmarkati skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2403 ([14]). Qabel jirċievu dak iċ-ċertifikat jew l-immarkar korrett, jenħtieġ li l-importaturi jissoġġettaw l-armi tan-nar diżattivati għal proċedura doganali oħra, bħal dik ta' ħażna doganali jew żoni ħielsa, li skontha jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet li jkunu kompetenti skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2021/555, jivverifikaw id-diżattivazzjoni u joħorġu ċ-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2403.

(18) Meta jingħataw awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jew esportazzjoni u meta jiġu importati u esportati armi tal-allarm u tas-sinjal, huma biss l-armi tal-allarm u tas-sinjal li jikkonformaw mal-istandards skont id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/69 ([15]) li jenħtieġ li jitqiesu bħala armi tal-allarm u tas-sinjal aktar milli armi tan-nar. L-apparati li jistgħu jiġu kkonvertiti faċilment f'armi tan-nar jenħtieġ li dejjem jiġu kklassifikati bħala armi tan-nar f'konformità man-nomenklatura doganali u jiġu ttrattati bħala armi tan-nar mill-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti. Sabiex jiġu evitati r-riskji ta' devjazzjoni, hemm bżonn li tiġi żgurata l-konsistenza tal-prattiki tal-awtoritajiet doganali nazzjonali fil-klassifikazzjoni ta' apparati ddikjarati bħala armi tal-allarm u tas-sinjal mal-importazzjoni.

(19) Jenħtieġ li tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għad-dħul ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon fit-territorju doganali tal-Unjoni. Minħabba r-riskju għoli ta' manifattura illeċita ta' armi tan-nar minn prodotti importati mhux lesti u mhux immarkati, jenħtieġ li n-negozjanti u s-sensara debitament liċenzjati biss ikunu awtorizzati jimportaw armi tan-nar nofshom lesti u komponenti essenzjali nofshom lesti.

([11]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/468/PESK tat-23 ta' Ġunju 2003 dwar il-kontroll fuq is-senserija fil-bejgħ tal-armi (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 79).

([12]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([13]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2403 tal-15 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi linji gwida komuni dwar l-istandards u t-tekniki tad-diżattivazzjoni sabiex ikun żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jiġu inoperabbli irreversibbilment (ĠU L 333, 19.12.2015, p. 62).

([15]) Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/69 tas-16 ta' Jannar 2019 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għall-armi tal-allarm u tas-sinjal skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 15, 17.1.2019, p. 22).

(20) Il-verifiki tar-rekord kriminali tal-applikanti għal awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jenħtieġ li jkunu stretti bħalma huma rigward l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni u jenħtieġ li l-Istati Membri jiksbu l-informazzjoni dwar ir-rekords kriminali permezz tas-sistema stabbilita bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI ([16]) . Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw jekk l-armi tan-nar li għandhom jiġu importati humiex irrappurtati mitlufa, misruqa jew imfittxija b'xi mod ieħor għal sekwestru permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS). L-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]) jistabbilixxi l-aċċess tas-servizzi ta' reġistrazzjoni ta' armi tan-nar għas-SIS. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala servizzi ta' reġistrazzjoni ta' armi tan-nar.

(21) Jenħtieġ li rekord kriminali dwar kondotta li tikkostitwixxi reat elenkat fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ([18]) jikkostitwixxi raġuni biex tiġi pprojbita l-importazzjoni ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali, munizzjon, armi tal-allarm u tas-sinjal, armi tan-nar diżattivati, armi tan-nar nofshom lesti, komponenti essenzjali nofshom lesti, u moderaturi tal-ħoss.

(22) Huwa possibbli għal persuni mhux stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni li jiksbu awtorizzazzjoni biex jimportaw u jesportaw temporanjament armi tan-nar, komponenti essenzjali, munizzjon, armi tal-allarm u tas-sinjal, armi tan-nar diżattivati jew moderaturi tal-ħoss għall-finijiet ta' esibizzjonijiet, tiswijiet, kaċċa, sparar sportiv jew reċti storiċi. L-informazzjoni relatata ma' tali armi tan-nar u oġġetti oħra ddikjarati għal dħul temporanju jenħtieġ li tiġi indikata b'mod ċar, biex l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet kompetenti oħrajn ikunu jistgħu jipproċedu b'mod effiċjenti bir-rilaxx u jillimitaw ir-riskju li tali armi tan-nar jew oġġetti oħra jibqgħu illegalment fit-territorju doganali tal-Unjoni.

(23) L-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar jippermetti lill-Istati Parti jadottaw proċeduri simplifikati għall-importazzjoni u l-esportazzjoni temporanji għal finijiet legali verifikabbli. Konsegwentement, dan ir-Regolament jiffaċilita l-awtorizzazzjonijiet għal vjeġġi multipli, miżuri ta' tranżitu u importazzjoni u esportazzjoni temporanji għall-finijiet ta' esibizzjonijiet, evalwazzjonijiet, tiswijiet, kaċċa, sparar sportiv u reċti storiċi.

(24) Hemm riskju ta' devjazzjoni tal-armi tan-nar, komponenti essenzjali, munizzjon, armi tal-allarm u tas-sinjal, armi tan-nar diżattivati, armi tan-nar nofshom lesti, komponenti essenzjali nofshom lesti, u moderaturi tal-ħoss li joriġinaw minn pajjiż terz u li jidħlu u jgħaddu mit-territorju doganali tal-Unjoni mqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu doganali bid-destinazzjoni finali f'pajjiż terz. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti jawtorizzaw espressament tali tranżitu fit-territorju doganali tal-Unjoni qabel ma jseħħ.

(25) Sabiexjiġi limitat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-persuni fl-Unjoni li huma awtorizzati jippossjedu armi tan-nar jiġu eżentati, f'każijiet speċifiċi, mir-rekwiżit li jiksbu awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni u esportazzjoni. Madankollu, għal raġunijiet ta' sigurtà u biex jiġu ffaċilitati l-kontrolli, jenħtieġ li t-traċċabbiltà tinżamm f'dawn il-każijiet.

(26) Sabiex jittejbu ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà tal-movimenti, jenħtieġ li jinkiseb il-kunsens ta' kull Stat Membru affettwat mill-moviment ippjanat qabel ma Stat Membru jagħti awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. Jenħtieġ li jintalab kunsens simili meta l-punt ta' dħul mill-ġdid ippjanat ta' merkanzija li ġiet esportata temporanjament, ikun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru differenti.

(27) Dan ir-Regolament jippermetti lill-Istati Membri jadottaw miżuri fil-qasam tal-importazzjoni dment li dawk il-miżuri jiġu adottati f'konformità mat-TFUE. Jenħtieġ li tali projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ma jikkostitwixxux mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi infurmata kull meta Stat Membru jqis li, minħabba żviluppi eċċezzjonali fis-suq, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri protettivi. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom dawk il-miżuri għandhom jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni.

([16]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23).

([17]) Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠIA u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

([18]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

(28) Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li persuna li tkun tixtieq tesporta armi tan-nar, komponenti essenzjali, munizzjon, armi tan-nar diżattivati, armi tan-nar nofshom lesti, komponenti essenzjali nofshom lesti u moderaturi tal-ħoss jenħtieġ li jkollha awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni. L-eliġibbiltà biex persuna tapplika għal tali awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun limitata għall-esportaturi li jkunu permessi jippossjedu, jinnegozjaw jew jissensjaw dik il-merkanzija f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555.

(29) Jenħtieġ li l-persuni li jesportaw bħala parti mill-attivitajiet tan-negozju tagħhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni valida għal mhux iktar minn 3 snin, inkluż jekk tkun koperta minn diversi awtorizzazzjonijiet suċċessivi ta' importazzjoni għal żmien qasir maħruġa minn pajjiżi terzi importaturi. Jenħtieġ li jiġu introdotti awtorizzazzjonijiet ġenerali addizzjonali tal-Unjoni, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-sigurtà u s-sikurezza ħlief fir-rigward tal-armi tan-nar l-aktar perikolużi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu wkoll awtorizzazzjonijiet ġenerali nazzjonali tal-esportazzjoni fejn iqisu li dan ikun meħtieġ.

(30) Qabel ma tiġi awtorizzata esportazzjoni, huwa importanti li jiġi vverifikat li l-pajjiż terz importatur ikun awtorizza l-importazzjoni korrispondenti u li kwalunkwe pajjiż terz ta' tranżitu ma jkollux oġġezzjonijiet għall-moviment speċifiku. Sabiex jittejbu ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà, jenħtieġ li l-kunsens tal-pajjiż terz ta' tranżitu jitqies bħala mogħti jekk ma tkun waslet l-ebda oġġezzjoni għat-tranżitu. Deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jirrikjedu kunsens espliċitu jeħtieġ li jkunu trasparenti għall-operaturi ekonomiċi kollha. Jenħtieġ li tkun ir-responsabbiltà tal-esportatur li jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti d-dokumenti rilevanti.

(31) Huwa meħtieġ li jiġu armonizzati r-regoli dwar l-evidenza tal-importazzjoni fil-pajjiż terz ta' destinazzjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-persuni li jesportaw ikunu meħtieġa jipprovdu evidenza lill-awtorità kompetenti li ħarġet l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, prova li l-vjeġġ mibgħut ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali, munizzjon, armi tal-allarm u tas-sinjal, armi tan-nar diżattivati, armi tan-nar nofshom lesti, komponenti essenzjali nofshom lesti u moderaturi tal-ħoss, ikun wasal fil-pajjiż terz tal-importazzjoni, li jenħtieġ li jiġi żgurat b'mod partikolari billi jiġu prodotti d-dokumenti doganali rilevanti tal-importazzjoni.

(32) Jenħtieġ li meta jagħtu awtorizzazzjoni, l-Istati Membri jirrispettaw l-obbligi tagħhom rigward miżuri restrittivi imposti permezz ta' deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill jew b'deċiżjoni tal-Organizzazzjoni tas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) jew b'riżoluzzjoni vinkolanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari fir-rigward tal-embargoes fuq l-armi. Sa fejn dawk l-obbligi internazzjonali jiġu implimentati fid-dritt nazzjonali, huwa xieraq li jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jipprevjenix l-applikazzjoni ta' dik il-liġi.

(33) Qabel ma tiġi awtorizzata esportazzjoni, huwa importanti li jiġi vverifikat li ebda Stat Membru ieħor ma jkun preċedentement irrifjuta tranżazzjoni essenzjalment identika. Sabiex tiġi ffaċilitata dik il-verifika, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni dwar ir-rifjuti. Minbarra l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni dwar ir-rifjuti, jenħtieġ li l-Istati Membri jivverifikaw ukoll bażijiet ta' data rilevanti eżistenti, bħall-bażi tad-data dwar l-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali (COARM).

(34) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni jibqgħu jiġu ssodisfati matul il-perjodu kollu tal-awtorizzazzjoni, kif inhu l-każ tal-awtorizzazzjonijiet skont id-Direttiva (UE) 2021/555 għall-pussess jew l-akkwist ta' arma tan-nar fl-Unjoni.

(35) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali bi kwalunkwe annullament, sospensjoni, modifika jew revoka ta' awtorizzazzjoni. Jenħtieġ li l-obbligu li dik l-informazzjoni ssir disponibbli jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura ta' appell applikabbli skont id-dritt nazzjonali.

(36) Sabiex jiġu evitati r-riskji ta' devjazzjoni, filwaqt li jiġi limitat il-piż amministrattiv, huwa meħtieġ li jiġu investigati sitwazzjonijiet suspettużi li fihom jenħtieġ li l-Istati Membri jitolbu konferma ta' riċeviment mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz ta' destinazzjoni. Jekk, għal xi raġuni, tali konferma ta' riċeviment ma tkunx tista' tinkiseb, jenħtieġ li dik l-informazzjoni tiġi rreġistrata fis-sistema elettronika ta' liċenzjar għal referenza futura.

(37) Huwa meħtieġ li jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-verifiki ta' wara vjeġġ.

(38) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali, il-munizzjon, l-armi tal-allarm u tas-sinjal, l-armi tan-nar diżattivati, l-armi tan-nar nofshom lesti, il-komponenti essenzjali nofshom lesti, u l-moderaturi tal-ħoss, huwa tal-akbar importanza li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw aċċess għall-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA) tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol). Jenħtieġ li dak l-aċċess ikun limitat u proporzjonat

għall-fini tat-twettiq tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Istati Membri li japplikaw ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) jagħtu dak l-aċċess.

(39) Sabiex approċċ ta' valutazzjoni ibbażat fuq ir-riskju jkun possibbli għall-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali, il-munizzjon, l-armi tal-allarm u tas-sinjal, l-armi diżattivati, l-armi nofshom lesti, il-komponenti essenzjali nofshom lesti u l-moderaturi tal-ħoss elenkati fl-Anness I li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni u sabiex jiġi żgurat li l-verifiki jkunu effettivi u mwettqa f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali jikkooperaw mill-qrib u jiskambjaw informazzjoni.

(40) Sabiex jiġi ffaċilitat it-traċċar tal-armi tan-nar u jiġi miġġieled b'mod effiċjenti t-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar, il-komponenti essenzjali, il-munizzjon, l-armi tal-allarm u tas-sinjal, l-armi tan-nar diżattivati, l-armi tan-nar nofshom lesti, il-komponenti essenzjali nofshom lesti u l-moderaturi tal-ħoss, huwa meħtieġ li jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-użu aħjar tal-mezzi ta' komunikazzjoni eżistenti kif ukoll permezz tat-tishiħ tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet tal-Armi tan-Nar u l-kooperazzjoni internazzjonali.

(41) Id-*data* personali għandha tiġi proċessata f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2016/679 ([20]) u (UE) 2018/1725 ([21]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(42) Jenħtieġ li tiġi ggarantita konsistenza rigward id-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma tar-rekords fis-seħħ taħt id-dritt tal-Unjoni.

(43) L-*acquis* ta' Schengen jinkludi b'mod partikolari Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv (SCH/Com-ex (99) 10) ([22]), li skontha l-Istati Membri għandhom jissottomettu, kull sena sal-31 ta' Lulju, id-*data* annwali nazzjonali tagħhom għas-sena preċedenti dwar il-kummerċ illegali ta' armi tan-nar, abbażi ta' tabella konġunta għall-kompilazzjoni tal-istatistika. Barra minn hekk, fir-rakkomandazzjoni tagħha tas-17 ta' April 2018 dwar passi immedjati biex tittejjeb is-sigurtà tal-miżuri ta' esportazzjoni, importazzjoni u tranżitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-Istati Membri għandhom jiġbru statistika dettaljata tas-sena preċedenti dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet, rifjuti, il-kwantitajiet u l-valuri tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' armi tan-nar, skont l-oriġini jew id-destinazzjoni, u jippreżentaw dik l-istatistika lill-Kummissjoni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti lill-Kummissjoni tiġbor dik id-data direttament mis-sistemi elettroniċi stabbiliti għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-istatistika tiġi anonimizzata u mfassla b'tali mod li ma jkunx possibbli li jinsiltu konklużjonijiet dwar negozjanti speċifiċi, lanqas indirettament.

(44) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkompila d-data tal-Istati Membri u tippubblikaha bħala parti mir-rapport annwali sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena. Jenħtieġ li r-rapport isir pubbliku u jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(45) Qabel il-pubblikazzjoni tar-rapport annwali, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet tal-Armi tan-Nar biex tivverifika li ma tkun ġiet miżjuda l-ebda informazzjoni kummerċjalment sensittiva fl-abbozz tar-rapport.

(46) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema elettronika ta' liċenzjar biex jiġu diġitalizzati l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Huwa importanti li persuna intitolata titlob awtorizzazzjoni tiġi rreġistrata f'dik is-sistema qabel ma tibda l-proċedura ta' applikazzjoni. Billi s-sistema elettronika ta' liċenzjar hija l-bażi teknika għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tkun qed tiffunzjona kompletament mill-aktar fis possibbli.

([19]) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

([20]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([21]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([22]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-28 ta' April 1999 fuq il-kummerċ illegali tal-armi tan-nar (SCH/Com-ex (99) 10) (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 469).

(47) Meta l-Istati Membri jżommu s-sistemi ta' awtorizzazzjoni elettronika nazzjonali eżistenti tagħhom, jenħtieġ li s-sistema elettronika ta' liċenzjar stabbilita b'dan ir-Regolament tkun tista' tinterkonnettja ma' dawk is-sistemi nazzjonali ta' awtorizzazzjoni elettronika. Jenħtieġ li tali interkonnessjoni tiżgura t-trasferiment ta' informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija permezz tas-sistemi ta' awtorizzazzjoni elettronika nazzjonali għas-sistema elettronika ta' liċenzjar.

(48) Jenħtieġ li l-infurzar ġenerali ta' dan ir-Regolament jiġi ffaċilitat bl-interkonnessjoni bejn is-sistema elettronika ta' liċenzjar stabbilita b'dan ir-Regolament u l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([23]) (l-"Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana"). Għal dak il-fini u f'konformità mal-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2022/2399, jenħtieġ li l-Kummissjoni temenda l-Parti A tal-Anness ta' dak ir-Regolament. Meta l-merkanzija tiġi importata jew esportata temporanjament bl-użu ta' Carnet ATA, stabbilit fl-Appendiċi I tal-Anness A tal-Konvenzjoni relatata mad-dħul temporanju (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) ([24]), jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jirċievu informazzjoni dwar l-użu tal-Carnet ATA. Għalkemm dik l-informazzjoni ma tistax tiġi skambjata awtomatikament sakemm il-Carnet ATA diġitali ma jiġix applikat mill-partijiet kontraenti kollha, jenħtieġ li tiġi esplorata awtomatizzazzjoni ulterjuri abbażi tal-interoperabbiltà potenzjali mas-sistema elettronika għall-amministrazzjoni tal-Carnets ATA, is-sistema tal-ATA elettronika.

(49) Sabiex ikun żgurat li dan ir-Regolament jiġi applikat kif suppost, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri li jagħtu s-setgħat xierqa lill-awtoritajiet kompetenti.

(50) Il-konformità mal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar teħtieġ ukoll li l-manifattura illeċita u t-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom jiġu stabbiliti bħala reati kriminali, u li jittieħdu miżuri li jippermettu l-konfiska ta' merkanzija li tiġi manifatturata jew traffikata b'dan il-mod.

(51) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Jenħtieġ li dawn il-pieni ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(52) Jenħtieġ li r-reġim ta' protezzjoni tal-informaturi stabbilit bid-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]) japplika wkoll għal persuni li jirrappurtaw ksur tar-regoli marbuta mal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' armi tan-nar.

(53) Sabiex jiġu stabbiliti l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni ġenerali tal-Unjoni u l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni ġenerali tal-Unjoni għal operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-sigurtà u s-sikurezza, jiġu speċifikati l-format, l-użu u l-validità ġeografika għal dawk it-tipi ta' awtorizzazzjonijiet, tiġi ddeterminata l-parti tal-Carnet ATA fejn għandha tiġi indikata r-referenza għall-awtorizzazzjoni, tinżamm il-lista ta' armi tan-nar, il-komponenti essenzjali, il-munizzjon u l-armi tal-allarm u tas-sinjal li għalihom tenħtieġ awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament, u biex l-Anness I ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat mal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([26]) u mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2021/555, kif ukoll biex l-Annessi II, III u IV ta' dan ir-Regolament jiġu adattati għad-diġitalizzazzjoni u l-bidliet fil-proċeduri doganali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([27]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(54) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]).

([23]) Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1).

([24]) ĠU L 130, 27.5.1993, p. 4.

([25]) Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

([26]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([27]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([28]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(55) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u dwar informazzjoni rilevanti oħra li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom b'rabta ma' dan ir-Regolament.

(56) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi tal-armi tan-nar nofshom lesti, il-komponenti essenzjali nofshom lesti, u l-moderaturi tal-ħoss, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(57) Fil-każ ta' restrizzjonijiet kwantitattivi nazzjonali, l-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni jaffettwaw biss it-territorju ta' ċertu Stat Membru . Għalhekk, meta jitqies l-ambitu ġeografiku limitat tar-restrizzjoni, kif ukoll l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, huwa ġġustifikat li l-Kummissjoni tagħti tali awtorizzazzjonijiet permezz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva stipulata fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.

(58) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jimpedixxix lill-Istati Membri milli japplikaw ir-regoli kostituzzjonali tagħhom rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti uffiċjali, b'kont meħud tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]).

(59) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq l-objettiv bażiku li tittejjeb it-traċċabbiltà, u b'hekk is-sigurtà tal-kummerċ tal-armi tan-nar, mingħajr ma dan ifixkel bla bżonn tali kummerċ, li jiġu stabbiliti regoli dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' armi tan-nar ċivili. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi maħsuba, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, DEFINIZZJONIJIET U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni, u l-miżuri ta' importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu ta' merkanzija elenkata, bil-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Iffabbrikar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-Munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali ("il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar").

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "merkanzija elenkata" tfisser armi tan-nar, il-komponenti essenzjali, munizzjon, armi tal-allarm u tas-sinjal, armi tan-nar diżattivati, armi tan-nar nofshom lesti, komponenti essenzjali nofshom lesti, u moderaturi tal-ħoss elenkati fl-Anness I;

(2) "arma tan-nar" tfisser arma tan-nar kif definita fl-Artikolu 1(1), il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2021/555;

(3) "moderatur tal-ħoss" tfisser apparat iddisinjat jew adattat biex inaqqas il-ħoss ikkawżat mill-isparar ta' arma tan-nar;

(4) "komponent essenzjali" tfisser komponent essenzjali kif definit fl-Artikolu 1(1), il-punt (2), tad-Direttiva (UE) 2021/555;

([29]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

(5) “armi tan-nar nofshom lesti” tfisser armi tan-nar li mhumiex lesti għall-użu dirett u li għandhom il-forma jew il-kontorn approssimattiv tal-armi tan-nar lesti korrispondenti, u li, ħlief f’każijiet eċċezzjonali, jistgħu jintużaw biss biex jiġu trasformati f’dawk l-armi tan-nar lesti;

(6) “komponenti essenzjali nofshom lesti” tfisser komponenti essenzjali li mhumiex lesti għall-użu dirett u li għandhom il-forma jew il-kontorn approssimattiv tal-komponenti essenzjali korrispondenti, u li, ħlief f’każijiet eċċezzjonali, jistgħu jintużaw biss biex jiġu trasformati f’dawk il-komponenti essenzjali lesti;

(7) “munizzjon” tfisser munizzjon kif definita fl-Artikolu 1(1), il-punt (3), tad-Direttiva (UE) 2021/555;

(8) “arma tan-nar diżattivata” tfisser arma tan-nar diżattivata kif definita fl-Artikolu 1(1), il-punt (6), tad-Direttiva (UE) 2021/555;

(9) “armi tal-allarm u tas-sinjal” tfisser armi tal-allarm u tas-sinjal kif definita fl-Artikolu 1(1), il-punt (4), tad-Direttiva (UE) 2021/555;

(10) “persuna” tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika jew, meta l-possibbiltà hija prevista taħt ir-regoli fis-seħħ, assoċjazzjoni ta’ persuni rikonoxxuta bħala li għandha l-kapaċità li teżegwixxi atti legali iżda li ma għandhiex l-istatus legali ta’ persuna ġuridika;

(11) “territorju doganali tal-Unjoni” tfisser it-territorju doganali previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(12) “merkanzija tal-Unjoni” tfisser merkanzija tal-Unjoni kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (23), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(13) “merkanzija mhux tal-Unjoni” tfisser merkanzija mhux tal-Unjoni kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (24), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(14) “awtoritajiet doganali” tfisser awtoritajiet doganali kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(15) “leġiżlazzjoni doganali” tfisser leġiżlazzjoni doganali kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(16) “formalitajiet doganali” tfisser formalitajiet doganali kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (8), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(17) “kontrolli doganali” tfisser kontrolli doganali kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (3), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(18) “dikjarazzjoni doganali” tfisser dikjarazzjoni doganali kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (12), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(19) “dħul” tfisser id-dħul fiżiku ta’ merkanzija mhux tal-Unjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(20) “importazzjoni” tfisser l-introduzzjoni ta’ merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni, u t-tqegħid ta’ merkanzija taħt rilaxx għal ċirkolazzjoni libera kif stabbilit fl-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew imqiegħda taħt proċedura speċjali kif stabbilit fl-Artikolu 210 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(21) “importatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel dikjarazzjoni doganali għal importazzjoni f’isimha stess, jew li f’isimha ssir tali dikjarazzjoni, jew fil-każ ta’ tranżitu, id-detentur tal-proċedura;

(22) “esportazzjoni” tfisser proċedura ta’ esportazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 269 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, inkluż is-sitwazzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 269(2), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(23) “esportazzjoni mill-ġdid” tfisser esportazzjoni mill-ġdid skont it-tifsira tal-Artikolu 270, 271 u 274 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(24) “ħruġ” tfisser il-ħruġ fiżiku ta’ merkanzija mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(25) “esportatur” tfisser:

(a) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni, li tagħmel jew li f’isimha ssir dikjarazzjoni doganali għall-esportazzjoni u li, fil-ħin meta d-dikjarazzjoni tiġi aċċettata, ikollha l-kuntratt mal-konsenjatarju fil-pajjiż terz u jkollha s-setgħa li tiddetermina jekk il- merkanzija elenkatatintbagħatx barra t-territorju doganali tal-Unjoni; jekk ma kien konklużż l-ebda kuntratt ta’ esportazzjoni jew jekk id-detentur tal-kuntratt ma jaġixxix f’ismu stess, “esportatur” tfisser il-persuna li għandha s-setgħa li tiddetermina jekk il-merkanzija elenkatatintbagħatx barra t-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel jew li f'isimha ssir dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid, dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ jew notifika ta' esportazzjoni mill-ġdid u li, fil-ħin meta d-dikjarazzjoni jew in-notifika ta' esportazzjoni mill-ġdid tiġi aċċettata, ikollha l-kuntratt mal-konsenjatarju fil-pajjiż terz u jkollha s-setgħa li tiddetermina jekk il- merkanzija elenkata tintbagħatx barra t-territorju doganali tal-Unjoni; jekk ma kien konkluż l-ebda kuntratt ta' esportazzjoni jew jekk id-detentur tal-kuntratt ma jaġixxix f'ismu stess, "esportatur" tfisser il-persuna li għandha s-setgħa li tiddetermina jekk il- merkanzija elenkata tintbagħatx barra t-territorju doganali tal-Unjoni; jew

(c) fejn la l-punt (a) u lanqas il-punt (b) ma jkunu applikabbli, kwalunkwe persuna fiżika li tivvjaġġa bil-merkanzija elenkata bħala l-oġġetti personali akkumpanjati tagħha;

(26) "dikjarant" tfisser dikjarant kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (15), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(27) "negozjant" tfisser negozjant kif definita fl-Artikolu 1(1), il-punt (9), tad-Direttiva (UE) 2021/555;

(28) "sensar" tfisser sensar kif definita fl-Artikolu 1(1), il-punt (10), tad-Direttiva (UE) 2021/555;

(29) "esibizzjoni" tfisser fiera kummerċjali jew avveniment simili kif deskritt fl-Artikolu 90(2), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 ([30]), mingħajr bejgħ tal-merkanzija elenkata minn u lejn pajjiżi terzi;

(30) "esportazzjoni temporanja" tfisser l-esportazzjoni ta' merkanzija elenkata mit-territorju doganali tal-Unjoni bl-intenzjoni li dik il-merkanzija tiġi importata lura fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(31) "proċessar passiv" tfisser proċessar passiv skont it-tifsira tal-Artikolu 256 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(32) "tranżitu" tfisser il-proċeduri ta' tranżitu skont it-tifsira tat-Titolu VII, il-Kapitolu 2, tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(33) "dħul temporanju" tfisser dħul temporanju skont it-tifsira tal-Artikolu 250 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(34) "trażbord" tfisser moviment li jinvolvi l-operazzjoni fiżika tal-ħatt ta' merkanzija elenkata minn mezz ta' trasport għal fuq mezz ieħor ta' trasport;

(35) "traffikar illeċitu" tfisser l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-bejgħ, il-konsenja, il-moviment jew it-trasferiment ta' merkanzija elenkata lejn, minn jew madwar it-territorju ta' Stat Membru lejn jew mit-territorju ta' pajjiż terz, jekk tkun tapplika xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-Istat Membru kkonċernat ma jawtorizzax dan f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(b) il-merkanzija elenkata ma tkunx immarkata f'konformità mar-regoli dwar l-immarkar imsemmija fl-Artikolu 6(1); jew

(c) il-merkanzija elenkata tiġi ddikjarata għal rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera mingħajr l-immarkar meħtieġ fir-regoli dwar l-immarkar imsemmija fl-Artikolu 6(2), dment li ma tkunx eżentata f'konformità mal-paragrafi 2 jew 3 ta' dak l-Artikolu;

(36) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtoritajiet nazzjonali kif previst fl-Artikolu 40(2);

(37) "sistema elettronika ta' liċenzjar" tfisser is-sistema msemmija fl-Artikolu 34.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni rigward ir-regoli dettaljati dwar il-karatteristiċi tekniċi tal-moderaturi tal-ħoss, l-armi tan-nar nofshom lesti u l-komponenti essenzjali nofshom lesti, skont it-tifsira tal-paragrafu 1, il-punti (3), (5) u (6), ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43(3).

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

([30]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23).

(a) tranżazzjonijiet minn stat għal stat ieħor jew trasferimenti statali;

(b) merkanzija elenkata tal-Kategorija A, dment li tkun inkluża fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ([31]), esportata jew esportata mill-ġdid mit-territorju doganali tal-Unjoni, dment li ma tkunx esportata jew esportata mill-ġdid temporanjament f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament;

(c) merkanzija elenkata tal-Kategorija B, dment li tkun inkluża fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea, esportata jew esportata mill-ġdid mit-territorju tal-Unjoni u destinata għall-forzi armati, il-pulizija jew l-awtoritajiet pubbliċi;

(d) merkanzija elenkata tal-Kategoriji A, B u C destinata għall-forzi armati, il-pulizija, jew l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri;

(e) armi tan-nar ta' antikità kif definiti f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, dment li l-armi ta' nar ta' antikità ma jinkludux armi tan-nar manifatturati wara l-1899.

Artikolu 4

Derogi mill-formalitajiet doganali tal-Unjoni

1. Il-merkanzija elenkata ma għandiex:

(a) titqiegħed taħt proċedura doganali bbażata fuq dikjarazzjoni simplifikata stabbilita skont l-Artikolu 166 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(b) tiġi soġġetta għal entrata fir-rekord tad-dikjarant skont l-Artikolu 182 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(c) tiġi soġġetta għal awtovalutazzjoni skont l-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(d) tiġi ddikjarata b'dikjarazzjoni doganali li jkun fiha s-sett ta' data speċifiku msemmi fl-Artikolu 143a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446;

(e) tiġi ddikjarata b'dikjarazzjoni doganali li jkun fiha s-sett ta' data mnaqqas imsemmi fl-Artikolu 144 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446; jew,

(f) tiġi ddikjarata b'dikjarazzjoni orali jew permezz ta' kwalunkwe att ieħor imsemmi fl-Artikoli 135 sa 141 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

2. Fir-rigward ta' awtorizzazzjonijiet uniċi għal proċeduri simplifikati li għadhom validi skont l-Artikolu 345(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([32]), il-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-merkanzija elenkata.

KAPITOLU II

REKWIŻITI TAD-DĦUL U L-IMPORTAZZJONI

Artikolu 5

Kompiti tal-importaturi

1. L-importaturi għandhom:

(a) jiżguraw li l-merkanzija elenkata maħsuba għall-importazzjoni tkun konformi ma':

(i) ir-regoli dwar l-immarkar stipulati fl-Artikolu 6;

([31]) Il-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea adottata mill-Kunsill fid-19 ta' Frar 2024 (tagħmir kopert mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari) (li tagġorna u tissostitwixxi l-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Frar 2023) (PESK) (ĠU C, C/2024/1945, 1.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1945/oj).

([32]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

(ii) ir-regoli dwar id-diżattivazzjoni stipulati fl-Artikolu 7, fejn applikabbli; u

(iii) ir-regoli dwar in-nonkonvertibbiltà stipulati fl-Artikolu 8, fejn applikabbli;

(b) iżommu d-dokumenti kollha skont ir-regoli msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha skont l-Artikoli 9, 11 u 12 ta' dan ir-Regolament għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(c) wara talba mill-awtorità kompetenti, jipprovdu lil dik l-awtorità l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni tal-pajjiż terz esportatur jew, fejn applikabbli, l-eċċezzjoni minn dik l-awtorizzazzjoni;

(d) meta jkollhom raġuni biex jemmnu li l-merkanzija elenkata tista' ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, mad-Direttiva (UE) 2021/555 jew mal-atti legali bbażati fuq dawk l-atti, jinfurmaw mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti b'dan; u

(e) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti, inkluż wara talba biex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni korrettiva immedjata u meħtieġa biex jiġi rrimedjat kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-atti msemmija fil-punt (d).

2. L-obbligi skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhom jaffettwaw l-ebda obbligu tal-importaturi taħt id-Direttiva (UE) 2021/555 jew taħt l-atti legali bbażati fuq dik id-Direttiva.

Artikolu 6

Immarkar waqt l-importazzjoni

1. Armi tan-nar mingħajr immarkar f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (a), tal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar, li jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, ma għandhomx jiġu importati jew esportati mill-ġdid.

2. Il-merkanzija elenkata tista' tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera biss jekk tkun f'konformità mar-rekwiżiti tal-immarkar tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2021/555 u mal-Artikolu 8(1), il-punt (b), tal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar, ħlief għal tali merkanzija importata minn negozjanti, li jitħallew jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti mingħajr dewmien wara r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-merkanzija elenkata li għandha importanza storika partikolari, f'konformità mal-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2021/555.

Artikolu 7

Armi tan-nar diżattivati

1. L-apparati ddikjarati bħala armi tan-nar diżattivati għandhom jiġu ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għad-dħul temporanju jekk ikunu f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament biss jekk ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikat ta' diżattivazzjoni rilevanti u mmarkati f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2021/555.

2. L-importatur għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti b'kopja taċ-ċertifikat ta' diżattivazzjoni permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar.

Artikolu 8

Armi tal-allarm u tas-sinjal

1. Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għal armi tal-allarm u tas-sinjal għandha tingħata biss mill-awtorità kompetenti biss jekk l-apparat ikun f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva (UE) 2021/555 jew huwa mudell elenkat bħala arma tal-allarm u tas-sinjal mhux konvertibbli fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi lista miftuħa ta' mudelli ta' armi tal-allarm u tas-sinjal mhux konvertibbli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u lista miftuħa ta' apparati li huma ddikjarati bħala armi tal-allarm u tas-sinjal iżda huma magħrufa li huma konvertibbli. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43(3).

Artikolu 9

Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni

1. Minkejja l-Artikolu 11 u 12, għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għad-dħul ta' merkanzija mhux tal-Unjoni elenkata fl-Anness I fit-territorju doganali tal-Unjoni. L-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni finali.

2. L-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni elenkata fl-Anness II, u għandha tinħareġ permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar f'wieħed mit-tipi li ġejjin:

(a) awtorizzazzjoni unika għal vjeġġ wieħed ta' merkanzija elenkatawaħda jew aktar , valida għal massimu ta' sena;

(b) awtorizzazzjoni multipla għal vjeġġi multipli ta' merkanzija elenkata, valida għal massimu ta' tliet snin;

(c) awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni għall-merkanzija elenkata tal-Kategorija B jew C disponibbli għal operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-sigurtà u s-sikurezza skont l-Artikolu 38(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 valida għall-importazzjonijiet minn pajjiżi ta' oriġini speċifikati.

3. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika permessa, skont id-Direttiva (UE) 2021/555, li timmanifattura, takkwista, tippossjedi jew tinnegozja merkanzija elenkata, ħlief għal armi tan-nar nofshom lesti u komponenti essenzjali nofshom lesti, għandha tkun intitolata li tapplika għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni.

4. In-negozjanti u s-sensara biss għandhom ikunu intitolati japplikaw għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għal armi tan-nar nofshom lesti u komponenti essenzjali nofshom lesti.

5. Jekk persuna fiżika jew ġuridika ma tkunx intitolata li tapplika għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni skont il-paragrafu 3 jew 4, l-awtorità kompetenti ma għandhiex taċċetta applikazzjoni minn dik il-persuna.

Artikolu 10

Proċedura ta' awtorizzazzjoni simplifikata

1. L-awtorità kompetenti għandha tipproċessa l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni f'perjodu li ma jaqbiżx 90 jum ta' xogħol, mid-data li fiha l-informazzjoni kollha rikjesta tkun ingħatat lill-awtorità kompetenti. Għal raġunijiet debitament ġustifikati, u fil-każ ta' applikazzjoni li tirrigwarda merkanzija elenkata tal-Kategorija A, dak il-perjodu jista' jiġi estiż għal 110 ijiem ta' xogħol.

2. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tagħti awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jekk:

(a) l-applikant ikun persuna fiżika u jkollu rekord kriminali rigward kondotta li tikkostitwixxi reat imniżżel fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jew rigward kwalunkwe kondotta oħra, dment li tkun tikkostitwixxi reat punibbli b'piena massima ta' mill-anqas erba' snin ta' priġunerija;

(b) l-applikant ikun persuna ġuridika, u waħda mill-persuni li ġejjin marbuta mal-persuna ġuridika jkollha rekord kriminali msemmi fil-punt (a):

(i) l-applikant; jew

(ii) il-persuni responsabbli għall-applikant jew li jeżerċitaw kontroll fuq il-ġestjoni tiegħu;

(c) l-arma tan-nar li tkun ser tiġi importata tkun ġiet iddikjarata mitlufa, misruqa, taħt investigazzjoni jew inkella mfittxija għas-sekwestru fil-bażijiet ta' data rilevanti tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali;

(d) ikun hemm indikazzjonijiet ċari li jissuġġerixxu li kwalunkwe persuna involuta fit-tranżazzjoni tikkostitwixxi theddida għas-sigurtà jew theddida għas-sikurezza pubblika jew li l-persuni msemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi imposti fuqhom mid-Direttiva (UE) 2021/555, minn dan ir-Regolament jew minn kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa fir-rigward tal-armi tan-nar tagħhom.

3. Meta tiddeċiedi jekk tagħtix awtorizzazzjoni ta' importazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, inkluż dawk tal-politika nazzjonali barranija u tas-sigurtà. L-Artikolu 24 għandu japplika mutatis mutandis.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiksbu l-informazzjoni dwar kundanni kriminali preċedenti tal-applikant fi Stati Membri oħra permezz tas-sistema stabbilita bid-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (c), l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-arma tan-nar inkwistjoni mhix elenkata fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

6. L-awtorità kompetenti għandha tannulla, tissospendi, timmodifika jew tirrevoka awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti tagħha ma jkunux issodisfati jew ma jibqgħux issodisfati. Jekk l-awtorità kompetenti tieħu dawk id-deċiżjonijiet, hija għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli mingħajr dewmien għall-awtoritajiet doganali permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar.

7. Fejn l-awtorità kompetenti tkun irrifjutat li tagħti awtorizzazzjoni ta' importazzjoni, id-deċiżjoni finali tagħha u r-raġuni għal dan għandhom jiġu rreġistrati fis-sistema elettronika ta' liċenzjar.

8. L-awtorità kompetenti għandha timmonitorja li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jkunu ssodisfati abbażi tal-ġestjoni tar-riskju. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizazzjonijiet ta' importazzjoni mogħtija għal durata itwal minn sentejn għandhom jiġu mmonitorjati wara sentejn.

Artikolu 11

Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għal merkanzija mhux tal-Unjoni li tidħol temporanjament fit-territorju doganali tal-Unjoni

1. Merkanzija mhux tal-Unjoni elenkata fl-Anness I tista' tidħol temporanjament fit-territorju doganali tal-Unjoni meta tkun akkumpanjata minn awtorizzazzjoni unika ta' importazzjoni mitluba minn importatur li ma jkollux stabbiliment fit-territorju doganali tal-Unjoni.

2. L-importaturi mingħajr stabbiliment fit-territorju doganali tal-Unjoni jistgħu jingħataw awtorizzazzjoni unika ta' importazzjoni għall-merkanzija elenkata biss fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dħul temporanju għall-evalwazzjoni, għal esibizzjoni jew proċessar attiv għat-tiswija, dment li l-merkanzija elenkata tibqa' l-proprjetà ta' persuna stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u dik il-merkanzija tiġi esportata mill-ġdid lil dik il-persuna;

(b) id-dħul temporanju minn kaċċaturi, parteċipanti f'reċta storika jew dilettanti tal-isparar bħala parti mill-effetti personali tagħhom, dment li dawn jippreżentaw lill-awtorità kompetenti:

(i) ir-raġunijiet għall-vjaġġ, b'mod partikolari billi jipproduċu stedina jew prova oħra tal-attivitajiet tal-kaċċa, tar-reċta storika jew tal-isparar sportiv fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(ii) deskrizzjoni tal-merkanzija elenkata maħsuba biex tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni u r-raġunijiet għat-tip u l-ammont ta' dik il-merkanzija li għandhom ikunu xierqa għar-raġunijiet tad-dħul temporanju; l-ammont tal-munizzjon għandu jkun limitat għal massimu ta' 800 balla għall-kaċċaturi u massimu ta' 1 200 balla għad-dilettanti tal-isparar;

(iii) informazzjoni dwar il-punt ta' ħruġ ippjanat u d-data tal-ħruġ ta' dik il-merkanzija;

(c) merkanzija mhux tal-Unjoni li tidħol u tgħaddi mit-territorju doganali tal-Unjoni mqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu doganali bid-destinazzjoni finali f'pajjiż terz.

L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn isseħħ l-evalwazzjoni, l-esibizzjoni, it-tiswija jew l-isparar sportiv, il-kaċċa jew ir-reċta storika. F'każijiet fejn l-evalwazzjoni, l-esibizzjoni, it-tiswija jew l-isparar sportiv, il-kaċċa jew ir-reċta storika isseħħ f'aktar minn Stat

Membru wieħed, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn issehħ l-ewwel evalwazzjoni, esibizzjoni, tiswija jew sparar sportiv, kaċċa jew reċta storika.

L-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-merkanzija tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni.

3. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi dan li ġej:

(a) prova jew dikjarazzjoni tal-assenza ta' rekord kriminali rigward kondotta li tikkostitwixxi reat elenkat fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jew rigward kwalunkwe kondotta oħra dment li din tkun tikkostitwixxi reat punibbli b'piena massima ta' mill-anqas erba' snin ta' priġunerija;

(b) identifikazzjoni ta' wieħed mit-tliet finijiet elenkati fil-paragrafu 2;

(c) id-data u n-numru ta' referenza uniku tal-awtorizzazzjoni, jew ekwivalenti, biex wieħed ikollu bi sjieda jew pussess arma tan-nar u tal-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni mill-pajjiż terz, jew fejn applikabbli, prova tal-eċċezzjoni minn dik l-awtorizzazzjoni; u

(d) id-dettalji tal-armi tan-nar, inkluż l-isem tal-manifattur jew tal-marka kummerċjali, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u l-mudell fejn ikun fattibbli.

4. L-Artikolu 10 (1), (2), (3), (5), (6) u (7) għandu japplika għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

5. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni ġenerali nazzjonali ta' importazzjoni li tawtorizza direttament l-importazzjoni temporanja ta' merkanzija elenkata tal-Kategorija C fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), f'każijiet speċifiċi fejn il-kaċċaturi, il-parteċipanti f'reċta storika jew id-dilettanti tal-isparar ikunu ġew mistiedna għal attività fil-bini tal-organizzatur. L-importaturi għandhom jissodisfaw l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mat-talba ta' awtorizzazzjoni unika ta' importazzjoni, u għandhom jikkonformaw mat-termini u l-kundizzjonijiet definiti fl-awtorizzazzjoni ġenerali nazzjonali ta' importazzjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika r-rekwiżiti minimi għat-termini u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fl-awtorizzazzjonijiet ġenerali nazzjonali ta' importazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43(3).

Artikolu 12

Simplifikazzjoni amministrattiva

1. Kwalunkwe persuna li jkollha pass Ewropew ta' armi tan-nar jew ikunu b'xi mod ieħor permessa, skont id-Direttiva (UE) 2021/555, li timmanifattura, takkwista, tippossjedi jew tinnegozja merkanzija elenkata, tista' timporta merkanzija elenkata fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr awtorizzazzjoni ta' importazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament f'każijiet ta':

(a) l-importazzjoni ta' merkanzija elenkata esportata temporanjament qabel f'konformità mal-Artikolu 22(1), il-punt (a) u l-Artikolu 23(1), il-punt (c), dment li:

(i) in-numru ta' referenza jew in-numru tal-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni simplifikata maħruġa mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 22(2) jew l-Artikolu 23(1) jiġi kkomunikat permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar lill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol qabel id-dħul mill-ġdid ippjanat fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(ii) il-merkanzija importata kienet ukoll il-merkanzija esportata;

(iii) il-merkanzija tiġi importata fi żmien 90 jum wara l-esportazzjoni;

(iv) il-ħin tad-dħul u l-punt tad-dħul ippjanati fit-territorju doganali tal-Unjoni jiġu rrappurtati permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar lill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol qabel id-dħul mill-ġdid ippjanat fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) l-importazzjoni ta' merkanzija elenkata inkluża fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea, jekk qabel kienet esportata temporanjament għall-finijiet ta' evalwazzjoni, esibizzjoni u tiswija, dment li:

(i) il-liċenzja mogħtija għall-esportazzjoni temporanja f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK tiġi kkomunikata permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar lill-awtorità kompetenti mill-inqas għaxart ijiem ta' xogħol qabel id-dħul mill-ġdid ippjanat fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(ii) il-merkanzija importata kienet ukoll il-merkanzija esportata;

(iii) il-merkanzija tiġi importata fi żmien 90 jum wara l-esportazzjoni;

(iv) il-ħin tad-dħul u l-punt tad-dħul ippjanati fit-territorju doganali tal-Unjoni jiġu rrappurtati permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar lill-awtorità kompetenti mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol qabel id-dħul mill-ġdid ippjanat fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(c) merkanzija tal-Unjoni li tidħol mill-ġdid fit-territorju doganali tal-Unjoni li qabel tqiegħdet taħt proċedura ta' tranżitu doganali biex tgħaddi minn pajjiż jew territorju barra mit-territorju doganali tal-Unjoni bid-destinazzjoni finali fl-Unjoni.

2. Persuna li timporta merkanzija f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun l-istess persuna li esportat il-merkanzija u fid-dikjarazzjoni doganali għandha tiddikjara n-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni doganali użata biex il-merkanzija tingħieb temporanjament barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u n-numru ta' referenza jew in-numru tal-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni simplifikata provduta mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 22(2) jew l-Artikolu 23(1).

3. L-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni għandha tirrifjuta l-importazzjoni u tirreġistra dak ir-rifjut fis-sistema elettronika ta' liċenzjar mingħajr dewmien jekk:

(a) l-applikant ma jissodisfax il-kriterji għas-simplifikazzjoni amministrattiva stabbiliti f'dan l-Artikolu; jew,

(b) ikun hemm indikazzjonijiet sostanzjati li juru li kwalunkwe waħda mill-persuni, inkluż il-persuna li tistieden lill-applikant għall-attività barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, involuti fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) jew (b), tikkostitwixxi theddida għas-sigurtà jew theddida għas-sikurezza pubblika.

Artikolu 13

Konsultazzjoni tal-Istati Membri affettwati mill-moviment ippjanat

1. Fil-każ ta' movimenti fit-territorju doganali tal-Unjoni ta' merkanzija mhux tal-Unjoni elenkata fl-Anness I, l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 jew 11 għandu jkun fiha informazzjoni dwar il-movimenti ppjanati, inkluż fejn xieraq, id-diversi Stati Membri fejn ser isseħħ l-evalwazzjoni, l-esibizzjoni, it-tiswija jew l-isparar sportiv, il-kaċċa jew ir-reċta storika.

2. L-awtorità kompetenti li tagħti l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 jew 11 għandha titlob approvazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri l-oħra indikati fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni tal-moviment ippjanat. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonsultat tista' tqajjem oġġezzjonijiet f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' ħassib ta' sigurtà dwar moviment fit-territorju tagħha fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data li fiha tkun ġiet ipprovduta l-informazzjoni tal-moviment ippjanat. In-nuqqas ta' kwalunkwe oġġezzjoni għandu jitqies bħala approvazzjoni. Fil-każ ta' oġġezzjoni mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni, l-Istat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għandu jirrifjuta l-applikazzjoni. Is-sistema elettronika ta' liċenzjar għandha tintuża għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

3. Il-persuna li jkollha l-awtorizzazzjoni għandha tinnotifika kwalunkwe bidla fil-moviment ippjanat mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti li tagħti l-awtorizzazzjoni permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar. Dik l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' ħassib dwar is-sigurtà jekk taċċettax jew tirrifjutax il-bidliet notifikati f'konformità mar-regoli għall-għoti tal-awtorizzazzjoni u wara l-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. Fil-każ ta' simplifikazzjonijiet amministrattivi kif stabbiliti fl-Artikolu 12(1), il-punt (a), meta l-punt ta' dħul mill-ġdid ippjanat ma jkunx jinsab fit-territorju tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni, dik l-awtorità kompetenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru dwar il-punt ta' dħul mill-ġdid ippjanat ta' dak il-moviment, permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-punt ta' dħul mill-ġdid ippjanat tista' tqajjem oġġezzjonijiet f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' ħassib dwar is-sigurtà dwar dak il-moviment fit-territorju tagħha fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data li fiha tkun ġiet ipprovduta l-informazzjoni tad-dħul mill-ġdid ippjanat. In-nuqqas ta' kwalunkwe oġġezzjoni għandu jitqies bħala approvazzjoni. Kwalunkwe oġġezzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-punt tad-dħul mill-ġdid ippjanat għall-għoti ta' tali simplifikazzjoni amministrattiva għandha torbot lill-Istat Membru tad-destinazzjoni.

Artikolu 14

Restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-importazzjoni

Mingħajr preġudizzju għal atti legali oħra tal-Unjoni, dan ir-Regolament ma għandux jipprekludi l-adozzjoni jew l-applikazzjoni minn Stat Membru ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet meħtieġa għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, jew għal raġunijiet ta' proprjetà industrijali u kummerċjali.

Artikolu 15

Awtorizzazzjoni għall-adozzjoni ta' restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-importazzjoni

Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 16, 17 u 18, il-Kummissjoni għandha tawtorizza Stat Membru jadotta l-miżuri kif imsemmija fl-Artikolu 14.

Artikolu 16

Notifika lill-Kummissjoni

1. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jadotta l-miżuri kif imsemmija fl-Artikolu 14, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi d-dokumentazzjoni rilevanti u indikazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati, inkluż l-objettivi tagħhom u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

3. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi trażmessa tal-inqas sitt xhur qabel l-adozzjoni tal-miżura nazzjonali. Meta l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru ma tkunx biżżejjed, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel in-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u, fuq talba, id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament, disponibbli għall-Istati Membri l-oħra soġġett għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikolu 18.

5. Meta l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru ma tkunx biżżejjed għall-fini tal-awtorizzazzjoni għall-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali.

Artikolu 17

Awtorizzazzjoni għall-adozzjoni ta' miżuri

1. Il-Kummissjoni għandha tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni dment li ma tikkonkludix li tali miżuri:

(a) ikunu f'kunflitt mad-dritt tal-Unjoni, u l-kunflitt mhux marbut ma' inkompatibbiltajiet li jirriżultaw mill-allokazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha;

(b) ikunu konsistenti mal-prinċipji u l-objettivi tal-Unjoni tal-azzjoni esterna dwar il-politika kummerċjali komuni f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-Parti V, it-Titoli I u II, tat-TFUE.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 43(2). Il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien 120 jum minn meta tasal in-notifika msemmija fl-Artikolu 16. Fejn tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali biex tittieħed deċiżjoni, il-perjodu ta' 120 jum ta' xogħol għandu jibda jgħodd mid-data ta' meta tasal l-informazzjoni addizzjonali.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bid-deċiżjonijiet meħuda skont il-paragrafu 2.

4. Fil-każ li l-Kummissjoni ma tagħtix awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, hija għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat b'dan u tiddikjara r-raġunijiet għal dan.

Artikolu 18

Kunfidenzjalità tal-informazzjoni trażmessa

1. Meta jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tiegħi li jadotta miżuri kif imsemmija fl-Artikolu 14, Stat Membru jista' jindika jekk xi informazzjoni provduta għandhiex tiġi kkunsidrata bħala kunfidenzjali u jekk tistax tiġi kondiviża mal-Istati Membri l-oħra.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni applikabbli.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni klassifikata provduta skont l-Artikolu 16 ma tiġix degradata jew deklassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur.

KAPITOLU III

REKWIŻITI TA' ESPORTAZZJONI, ESPORTAZZJONI MILL-ĠDID U TA' ĦRUĠ

Artikolu 19

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni

1. Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għat-teħid ta' merkanzija elenkata 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni.

2. Kull esportatur awtorizzat, skont id-Direttiva (UE) 2021/555, li timmanifattura, takkwista, tippossjedi jew tinnegozja merkanzija elenkata hija intitolata titlob awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni. L-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-esportatur huwa stabbilit .

3. L-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Anness III u għandha tinħareġ permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar f'wieħed mill-forom li ġejjin:

(a) awtorizzazzjoni unika jew liċenzja mogħtija lil esportatur speċifiku wieħed għal vjeġġ wieħed ta' merkanzija elenkata waħda jew aktar lil riċevitur jew konsenjatarju finali identifikat f'pajjiż terz;

(b) awtorizzazzjoni multipla jew liċenzja mogħtija lil esportatur wieħed speċifiku għal vjeġġi multipli ta' merkanzija elenkata waħda jew aktar lil riċevitur jew konsenjatarju finali wieħed jew aktar identifikat f'pajjiż terz wieħed jew diversi;

(c) awtorizzazzjoni ġenerali nazzjonali ta' esportazzjoni li tawtorizza direttament l-esportazzjoni tal-merkanzija elenkata minn esportaturi stabbiliti fit-territorju tal-Istat Membru li joħroġ l-awtorizzazzjoni ġenerali nazzjonali ta' esportazzjoni, jekk dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament u jikkonformaw mat-termini u l-kundizzjonijiet definiti fl-awtorizzazzjoni ġenerali nazzjonali ta' esportazzjoni; jew,

(d) awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni disponibbli biss għal operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-sigurtà u s-sikurezza skont l-Artikolu 38(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal esportazzjonijiet ta' merkanzija elenkata tal-Kategorija B jew C, lejn pajjiżi ta' destinazzjoni speċifikati.

4. Jekk il-merkanzija elenkata tkun tinsab fi Stat Membru wieħed jew aktar għajr l-Istat Membru li fih ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, dan il-fatt għandu jiġi indikat fuq dik l-applikazzjoni. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun saritilha l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni għandha tikkonsulta lill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati, u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni. L-Istat(i) Membru/i kkonsultat(i) għandu/għandhom jirrapporta(w) fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data li fih ġew ikkuntattjati permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar kwalunkwe oġġezzjoni għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħal din, li għandha torbot lill-Istat Membru fejn ġiet ippreżentata l-applikazzjoni.

5. Fejn persuna ma tkunx intitolata li titlob awtorizzazzjoni ta' importazzjoni skont il-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti ma għandhiex taċċetta l-applikazzjoni.

6. L-Istati Membri jistgħu jadottaw awtorizzazzjonijiet ġenerali nazzjonali ta' esportazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti nazzjonali għall-esportazzjoni ta' merkanzija elenkata. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien bi kwalunkwe awtorizzazzjoni ġenerali nazzjonali ta' esportazzjoni adottata skont il-paragrafu 3, il-punt (c), filwaqt li jindikaw ir-raġunijiet għal din. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati

Membri l-oħra bid-deskrizzjoni tal-merkanzija kkontrollata, bil-pajjiżi tad-destinazzjoni, u bil-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-użu. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe emenda għall-awtorizzazzjonijiet ġenerali nazzjonali kif adottata. Il-Kummissjoni għandha tippubblika tali notifiki f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 20

Proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni

1. L-awtorità kompetenti għandha tipproċessa l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni f'perjodu li ma jaqbiżx 90 jum ta' xogħol, mid-data li fiha l-informazzjoni kollha rikjesta tkun ingħatat lill-awtorità kompetenti. Għal raġunijiet iġġustifikati kif xieraq, dak il-perjodu jista' jiġi estiż mill-awtorità kompetenti għal 110 ijiem ta' xogħol.

2. L-applikant għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli biex joħroġ l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni d-dokumenti meħtieġa li jikkonfermaw li:

(a) il-pajjiż terz li qed jimporta jkun awtorizza l-importazzjoni; u

(b) il- pajjiż ta' tranżitu jew il-pajjiżi terzi ta' tranżitu, jekk dan ikun japplika, ma kellhom ebda oġġezzjoni għat-tranżitu.

Il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma japplikax:

(a) għal vjeġġi bil-baħar jew bl-ajru u minn portijiet jew ajruporti ta' pajjiżi terzi, sakemm ma jkunx hemm trażbord jew tibdil fil-mezz ta' trasport; u

(b) fil-każ ta' esportazzjonijiet temporanji għal skopijiet legali verifikabbli, inkluż kaċċa, reċti storiċi, sparar sportiv, evalwazzjoni, esibizzjonijiet u tiswija.

3. Qabel ma toħroġ awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 19, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika d-dokumenti ppreżentati f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Jekk ma tasal ebda oġġezzjoni għat-tranżitu f'konformità mal-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), fi żmien 20 jum ta' xogħol mid-data tat-talba bil-miktub, il-pajjiż terz jew il-pajjiżi terzi ta' tranżitu kkonsultati għandhom jiġu kkunsidrati bħala li ma għandhom ebda oġġezzjoni għat-tranżitu.

5. Fir-rigward tal-armi tan-nar diżattivati, l-applikant għandu jforni ċ-ċertifikat ta' diżattivazzjoni msemmi fl-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2021/555 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni.

6. L-awtorità kompetenti tista' tagħti awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni għall-armi tan-nar elenkati fl-Anness I biss jekk l-applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tal-utent f'konformità mal-Anness IV maħruġamill-importatur tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Fil-każ ta' esportazzjoni lil kumpanija privata li terġa' tbigħ il-merkanzija elenkata f'suq lokali, dik il-kumpanija għandha titqies bħala l-utent għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Dak ma għandux iżomm lill-awtorità kompetenti milli tevalwa b'mod differenti applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni li jikkonċernaw esportazzjonijiet lil rivendituri minn applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni li jikkonċernaw esportazzjonijiet lil utenti.

7. Il-perjodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni unika ma għandux jaqbeż il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni maħruġa mill-pajjiż terz. Il-perjodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni multipla ma għandux jaqbeż it-tliet snin. Fejn l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni maħruġa mill-pajjiż terz ma tispeċifikax perjodu ta' validità, il-perjodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni m'għandux jaqbeż sena, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għal raġunijiet debitament ġustifikati.

Artikolu 21

Traċċabbiltà tal-armi tan-nar

1. L-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni maħruġa mill-pajjiż terz ikkonċernat u d-dokumentazzjoni li takkumpanjaha flimkien għandhom ikun fihom l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dati tal-ħruġ u ta' skadenza, fejn rilevanti;

(b) il-post tal-ħruġ;

(c) il-pajjiż tal-esportazzjoni u tal-ħruġ;

(d) il-pajjiż jew territorju terz tad-destinazzjoni;

(e) kull meta jkun applikabbli, kwalunkwe pajjiż terz, pajjiżi jew territorji li minnhom tiġi ttrasportata l-merkanzija elenkata;

(f) il-konsenjatarju;

(g) id-destinatarju finali, jekk magħruf fil-ħin tal-vjeġġ;

(h) il-partikularitajiet li jippermettu l-identifikazzjoni tal-merkanzija elenkata, u l-kwantità tagħhom, inkluż il-marka applikata mal-armi tan-nar jew mal-komponenti essenzjali , sa mhux aktar tard minn qabel il-vjeġġ; u,

(i) is-sid tal-merkanzija koperta mill-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni maħruġa mill-pajjiż terz ikkonċernat, jekk l-esportatur ikun sensar.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jekk inkluża fl-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni maħruġa mill-pajjiż terz ikkonċernat , għandha tiġi pprovduta mill-esportatur bil-quddiem lill-pajjiż, pajjiżi terzi jew it-territorji li minnhom tiġi ttrasportata l-merkanzija, sa mhux aktar tard minn qabel il-vjeġġ.

3. Il-merkanzija elenkata tista' tiġi esportata biss jekk tkun immarkata f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2021/555.

Artikolu 22

Eżenzjoni mir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni

1. B'deroga mill-Artikolu 19(1), l-ebda awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni m'għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni temporanja, jew għall-esportazzjoni mill-ġdid ta' merkanzija elenkata fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-esportazzjoni temporanja minn kaċċaturi, parteċipanti f'reċti storiċi jew dilettanti tal-isparar ta' armi tan-nar fil-pussess legali tagħhom, bħala parti mill-effetti personali tagħhom, matul vjaġġ lejn pajjiż terz, dment li jissottomettu lill-awtorità kompetenti tal-ħruġ, permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar, mill-inqas għaxart ijiem ta' xogħol qabel ma l-merkanzija elenkata tinħareġ mit-territorju doganali tal-Unjoni, dan li ġej:

(i) ir-raġunijiet għall-vjaġġ tagħhom, b'mod partikolari billi jipproduċu stedina jew prova oħra tal-attivitajiet tal-kaċċa, tar-reċta storika jew tal-isparar sportiv fil-pajjiż terz ta' destinazzjoni;

(ii) pass Ewropew tal-armi li jkopri l-armi tan-nar, kif imsemmi fl-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2021/555;

(iii) informazzjoni dwar liema mill-armi tan-nar elenkati fil-pass Ewropew tal-armi u liema merkanzija oħra, apparti armi tan-nar, elenkata fl-Anness I huma maħsuba biex jinħarġu mit-territorju doganali tal-Unjoni u r-raġunijiet għat-tip u l-ammont ta' dik il-merkanzija, li għandhom ikunu xierqa fir-rigward tar-raġunijiet għall-vjaġġ; l-ammont tal-munizzjon għandu jkun limitat għal massimu ta' 800 balla għall-kaċċaturi u massimu ta' 1 200 balla għad-dilettanti tal-isparar;

(b) l-esportazzjoni mill-ġdid, minn kaċċaturi, parteċipanti f'reċti storiċi jew dilettanti tal-isparar bħala parti mill-effetti personali tagħhom wara dħul temporanju għall-kaċċa, reċta storika jew attivitajiet ta' sparar, dment li:

(i) il-merkanzija elenkata tibqa' l-proprjetà ta' persuna stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u dik il-merkanzija tiġi esportata mill-ġdid lil dik il-persuna;

(ii) il-merkanzija elenkata tiġi esportata mill-ġdid fi żmien 90 jum mid-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(iii) in-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni huwa pprovdut lill-awtorità doganali mal-ħruġ u l-esportatur isemmi n-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni għad-dħul temporanju fid-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid;

(c) merkanzija mhux tal-Unjoni li titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni wara li tgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar filwaqt li titqiegħed taħt proċedura ta' tranżitu doganali fejn kemm l-uffiċċju doganali tat-tluq kif ukoll tad-destinazzjoni jkunu jinsabu f'pajjiż terz;

(d) merkanzija tal-Unjoni li titlaq temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni filwaqt li titqiegħed taħt proċedura ta' tranżitu doganali biex tgħaddi minn pajjiż jew territorju barra mit-territorju doganali tal-Unjoni b'destinazzjoni finali fl-Unjoni, dment li:

(i) it-trasferiment huwa awtorizzat skont id-Direttiva (UE) 2021/555, fejn meħtieġ; u

(ii) il-moviment ippjanat jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni għaxart ijiem ta' xogħol bil-quddiem permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar.

Minkejja l-punt (a)(ii) tal-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' vjaġġar bl-ajru, il-kaċċaturi, il-parteċipanti f'reċti storiċi jew id-dilettanti tal-isparar għandhom jipproduċu l-pass Ewropew tal-armi tan-nar lill-awtorità kompetenti fejn l-oġġetti elenkati rilevanti jingħataw lil-linja tal-ajru għat-trasport barra mit-territorju doganali tal-Unjoni.

2. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-persuna li tissottometti l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), numru ta' referenza permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha, għal perjodu li ma jaqbiżx l-10 ijiem ta' xogħol, tissospendi l-proċess ta' esportazzjoni jew, jekk ikun meħtieġ, tipprevjeni l-merkanzija elenkata milli titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni u jgħaddu minn dak l-Istat Membru, meta jkollha għaliex tissuspetta li r-raġunijiet, imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, ipprovduti mill-kaċċaturi, parteċipanti f'reċti storiċi jew mid-dilettanti tal-isparar ma jkunux konformi mal-kunsiderazzjonijiet u l-obbligi rilevanti stipulati fl-Artikolu 24. Għal raġunijiet iġġustifikati kif xieraq, dak il-perjodu ta' sospensjoni jista' jiġi estiż mill-awtorità kompetenti għal 30 jum ta' xogħol. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha li tippermetti r-rilaxx tal-merkanzija elenkata jew li tieħu azzjonijiet ulterjuri lill-awtorità doganali permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar.

Artikolu 23

Awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni

1. Awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni tista' tintalab fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-esportazzjoni mill-ġdid, fi żmien 180 jum, tal-merkanzija elenkata wara d-dħul temporanju għall-evalwazzjoni, l-esibizzjoni , jew l-ipproċessar attiv għat-tiswija, dment li dik il-merkanzija tibqa' l-proprjetà ta' persuna stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u tiġi esportata mill-ġdid lil dik il-persuna u li l-esportatur isemmi n-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni għad-dħul temporanju jew l-ipproċessar attiv fid-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid;

(b) l-esportazzjoni mill-ġdid tal-merkanzija elenkata miżmuma f'ħażna temporanja fil-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 149 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(c) l-esportazzjoni temporanja tal-merkanzija elenkata għall-finijiet ta' evalwazzjoni, esibizzjoni u tiswija, dment li l-esportatur jagħti prova tal-pussess legali ta' dik il-merkanzija.

2. Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni għandha tiġi ppreżentata permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar u għandha tinkludi dan li ġej:

(a) issemmi wieħed mit-tliet finijiet elenkati fil-paragrafu 1;

(b) l-isem, in-numru ta' identifikazzjoni, l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-esportatur;

(c) id-dettalji ta' kwalunkwe armi tan-nar, inkluż l-isem tal-manifattur jew tal-marka kummerċjali, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u, fejn fattibbli, il-mudell u s-sena tal-manifattura;

(d) id-data u n-numru ta' referenza uniku tal-awtorizzazzjoni biex wieħed ikollu bi sjieda jew pussess arma tan-nar u tal-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni mill-pajjiż terz; jew, fejn applikabbli, referenza għall-awtorizzazzjoni, skont id-Direttiva (UE) 2021/555, għall-manifattura, l-akkwist, il-pussess, jew in-negozjar tal-merkanzija elenkata; u,

(e) f'każijiet tal-esportazzjoni mill-ġdid ta' merkanzija elenkata preċedentement importata temporanjament, ir-referenza għad-dikjarazzjoni doganali li taħtha dik il-merkanzija ddaħħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni.

3. L-awtorità kompetenti għandha tipproċessa applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet simplifikati ta' esportazzjoni f'perjodu li ma jaqbiżx 20 jum ta' xogħol, mid-data li fiha l-informazzjoni kollha rikjesta ingħatat lill-awtorità kompetenti. Għal raġunijiet iġġustifikati kif xieraq, dak il-perjodu jista' jiġi estiż għal 40 jum ta' xogħol. L-awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni għandha tinħareġ permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar.

4. Biex l-applikant jikseb l-awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) il-pajjiż terz jew il-pajjiżi terzi ta' tranżitu ma kellhom l-ebda oġġezzjoni għat-tranżitu, kif imsemmi fl-Artikolu 20(2) u (4);

b) l-awtorità kompetenti tkun wettqet il-verifika msemmija fl-Artikolu 20(3); u

c) l-applikant ikun ippreżenta ċ-ċertifikat ta' diżattivazzjoni lill-awtorità kompetenti, kif imsemmi fl-Artikolu 20(5).

5. Il-perjodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni maħruġa f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (c), ma għandux jaqbeż il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni stabbilit mill-pajjiż terz, jew sena waħda meta dak il-pajjiż terz ma jispeċifikax perjodu ta' validità jew fejn tkun applikabbli eżenzjoni mir-rekwiżit għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni.

Artikolu 24

Obbligi tal-*awtoritajiet kompetenti*

1. Meta jiddeċiedu jekk għandhiex tingħata awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tqis kull kunsiderazzjoni rilevanti, inkluż:

(a) l-obbligi u l-impenji tal-Istat Membru tagħha bħala parti għal arranġamenti internazzjonali rilevanti tal-kontroll tal-esportazzjoni jew trattati internazzjonali rilevanti;

(b) kunsiderazzjonijiet ta' politika barranija u ta' sigurtà nazzjonali, inkluż dawk koperti mill-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK;

(c) kunsiderazzjonijiet fuq l-użu finali intenzjonat, il-konsenjatarju, ir-riċevitur finali identifikat u r-riskju ta' devjazzjoni.

2. Barra l-kunsiderazzjonijiet rilevanti stipulati fil-paragrafu 1, meta tkun qed tivvaluta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tqis jekk l-applikant għandux mezzi u proċeduri proporzjonati u adegwati biex tkun żgurata konformità mad-dispożizzjonijiet u l-objettivi ta' dan ir-Regolament u konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni.

3. Meta jiddeċiedu li jagħtu awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tirrispetta kwalunkwe obbligu rigward miżuri restrittivi imposti permezz ta' deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill jew b'deċiżjoni tal-Organizzazzjoni tas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) jew b'riżoluzzjoni vinkolanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari fir-rigward tal-embargoes tal-armi, kif ukoll il-liġi nazzjonali li timplimenta dawk l-obbligi.

4. Qabel ma awtorità kompetenti tagħti awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni, hija għandha tqis ir-rifjuti kollha maħruġa skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor. L-awtorità kompetenti msemmija qabel tista' l-ewwel tikkonsulta lill-awtorità kompetenti jew lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati msemmija l-aħħar. Jekk, wara tali konsultazzjoni, l-awtorità kompetenti msemmija qabel tiddeċiedi li tagħti awtorizzazzjoni, għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti jew lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati msemmija l-aħħar, billi tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha biex tispjega d-deċiżjoni tagħha. Dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jsir mingħajr dewmien u permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni u tal-awtorizazzjonijiet simplifikati ta' esportazzjoni li joħorġu jkunu ssodisfati abbażi tal-ġestjoni tar-riskju. Il-kundizzjonijiet tal- awtorizzazzjonijiet mogħtija għal durata itwal minn sentejn għandhom jiġu mmonitorjati wara sentejn.

Artikolu 25

Rifjuti,* annullamenti, sospensjonijiet, modifiki jew revoki ta' awtorizzazzjonijiet *ta' esportazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni jew awtorizzazzjonijiet simplifikati ta' esportazzjoni jekk tapplika xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-obbligi u l-konsiderazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 24(1) ma jintlaħqux;

(b) l-applikant ikun persuna fiżika u jkollu rekord kriminali rigward kondotta li tikkostitwixxi reat imniżżel fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI , jew rigward kwalunkwe kondotta oħra, dment li tkun tikkostitwixxi reat punibbli b'piena massima ta' mill-anqas erba' snin ta' priġunerija;

(c) l-arma tan-nar li tkun ser tiġi esportata tkun ġiet iddikjarata mitlufa, misruqa jew inkella mfittxija għas-sekwestru;

(d) l-applikant ikun persuna ġuridika, u waħda mill-persuni li ġejjin marbuta mal-persuna ġuridika jkollha rekord kriminali msemmi fil-punt (b):

(i) l-applikant; jew,

(ii) persuni responsabbli għall-applikant jew li jeżerċitaw kontroll fuq il-ġestjoni tiegħu;

(e) ikun hemm indikazzjonijiet ċari li jissuġġerixxu li kwalunkwe persuna involuta fit-tranżazzjoni tikkostitwixxi theddida għas-sigurtà jew theddida għas-sikurezza pubblika jew li l-persuni msemmija fil-punt (b) jew (d) ta' dan il-paragrafu ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi imposti fuqhom mid-Direttiva (UE) 2021/555, minn dan ir-Regolament jew minn kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa fir-rigward tal-armi tan-nar tagħhom.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiksbu l-informazzjoni dwar kundanni kriminali preċedenti tal-applikant fi Stati Membri oħra permezz tas-sistema stabbilita bid-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-arma tan-nar mhix elenkata fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

4. Awtorità kompetenti għandha tannulla, tissospendi, timmodifika jew tirrevoka awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti tagħha ma jkunux issodisfati jew ma jibqgħux issodisfati. Jekk awtorità kompetenti tieħu tali deċiżjoni, hija għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-awtorità doganali permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar mingħajr dewmien.

5. Meta l-awtorità kompetenti tkun issospendiet awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni, hija għandha tagħmel id-deċiżjoni finali tagħha disponibbli għall-Istati Membri l-oħra fl-aħħar tal-perjodu ta' sospensjoni permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar mingħajr dewmien.

6. Meta l-awtorità kompetenti tkun irrifjutat li tagħti awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew awtorizzazzjoni simplifikata ta' esportazzjoni, hija għandha tirreġistra d-deċiżjoni finali tagħha fis-sistema elettronika ta' liċenzjar mingħajr dewmien.

7. L-informazzjoni kollha kondiviża f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tiġi kondiviża f'konformità mal-Artikolu 28 rigward il-kunfidenzjalità tagħha.

Artikolu 26

Prova tal-wasla

1. Fi żmien 45 jum mill-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni, l-esportatur għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti li ħarġet l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, prova li l-vjeġġ mibgħut tal-merkanzija elenkata tkun waslet fil-pajjiż terz tal-importazzjoni, billi jiġu fornuti d-dokumenti doganali rilevanti tal-importazzjoni. Dawk id-dokumenti għandhom jiġu pprovduti permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar.

2. Fin-nuqqas tal-prova li l-vjeġġ mibgħut ikun wasal kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha mingħajr dewmien titlob lill-awtorità doganali ta' esportazzjoni konferma li l-formalitajiet doganali relatati mal-ħruġ tal-merkanzija elenkata jkunu twettqu u li l-merkanzija elenkata tkun ħarġet mit-territorju doganali tal-Unjoni.

3. Jekk l-awtoritajiet doganali jikkonfermaw it-tlestija tal-formalitajiet doganali u tal-ħruġ, l-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha titlob lill-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz importatur biex tikkonferma d-dħul tal-merkanzija fit-territorju doganali tagħha.

4. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' tikseb konferma tad-dħul mill-pajjiż terz importatur kif stabbilit fil-paragrafu 3, hija għandha tirreġistra dik l-informazzjoni fis-sistema elettronika ta' liċenzjar.

KAPITOLU IV

SUPERVIŻJONI U KONTROLLI

Artikolu 27

Verifiki wara l-vjeġġ

1. Awtorità kompetenti li tagħti awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għal merkanzija elenkata tista' twettaq verifiki ta' wara l-vjeġġ biex tiżgura li l-esportazzjoni tagħha tkun konformi mal-impenji magħmula fid-dikjarazzjoni tal-utent kif stipulat fl-Anness IV u li l-merkanzija tkun waslet fid-destinazzjoni finali ppjanata.

2. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ma' xulxin u jekk ikun meħtieġ, mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex jivverifikaw il-konformità mal-impenji magħmula fid-dikjarazzjoni tal-utent kif stipulat fl-Anness IV u l-wasla tal-merkanzija elenkata fid-destinazzjoni finali ppjanata. Il-verifiki wara l-vjeġġ jistgħu jitwettqu, fejn xieraq, f'pajjiżi terzi, dment li tali pajjiżi terzi jaqblu, permezz ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet amministrattivi ta' dawk il-pajjiżi terzi. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni appoġġ fit-twettiq ta' tali verifiki.

Artikolu 28

Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet

1. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw mill-qrib u għandhom jiskambjaw informazzjoni biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni dwar ir-riskju, inkluż l-analiżi tar-riskju u r-riżultati tal-kontroll, rilevanti għall-infurzar ta' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, fir-rigward tas-suspett ta' traffikar illeċitu ta' merkanzija elenkata għandha tiġi skambjata u pproċessata kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 46(5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandha tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet doganali;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandha tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandha tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti, inkluż l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra.

3. L-iskambju u l-ipproċessar tal-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu permezz tas-sistema stabbilita għal dawk il-finijiet mill-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Meta l-awtoritajiet doganali jiskambjaw informazzjoni kunfidenzjali, huma għandhom jikkomunikaw dik l-informazzjoni ukoll, f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti.

4. L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti għandu jitwettaq b'mezzi nazzjonali stabbiliti jew permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar.

5. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 ([33]) għandu japplika mutatis mutandis għal miżuri skont dan l-Artikolu.

([33]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

Artikolu 29

Proċeduri waqt l-importazzjoni u l-esportazzjoni

1. Meta jlesti l-formalitajiet doganali għall-merkanzija elenkata, id-dikjarant għandu jipprovdi, fid-dikjarazzjoni doganali jew fid-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid, referenza għall-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti skont l-Artikoli 9, 11, 19 jew 23 jew in-numru ta' referenza pprovdut mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 22. Meta jintuża carnet ATA biex jitwettqu l-formalitajiet doganali, dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'waħda mill-partijiet tiegħu.

2. L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-merkanzija elenkata ma' dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta mill-importatur jew l-esportatur, f'konformità mat-talba tal-awtorità kompetenti, b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn tinsab dik l-awtorità kompetenti, jew bl-Ingliż.

3. Meta l-interkonnessjoni msemmija fl-Artikolu 34(7) tkun operazzjonali, l-awtorità doganali għandha tivverifika mal-aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid għal-merkanzija elenkata, il-validità tal-awtorizzazzjoni permezz tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. Il-verifika għandha ssir b'mod elettroniku u awtomatiku.

4. Meta l-awtorità doganali tirrilaxxa l-merkanzija elenkata għal proċedura doganali jew esportazzjoni mill-ġdid, ir-rilaxx għandu jiġi kkomunikat b'mod elettroniku u awtomatiku lis-sistema elettronika ta' liċenzjar permezz tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, ladarba l-interkonnessjoni msemmija fl-Artikolu 34(7) tkun operazzjonali. Meta l-merkanzija elenkata titqiegħed taħt proċedura ta' dħul temporanju, tiġi temporanjament esportata jew hija esportata mill-ġdid bl-użu ta' carnet ATA, l-awtorità doganali għandha tirreġistra l-informazzjoni dwar ir-rilaxx tal-merkanzija fis-sistema elettronika ta' liċenzjar.

5. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe setgħa mogħtija lilhom skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013, awtorità doganali ma għandhiex tirrilaxxa l-merkanzija elenkata għal proċedura doganali jew għal esportazzjoni mill-ġdid u fi żmien 24 siegħa għandha tinforma lill-awtorità kompetenti permezz ta' mezzi nazzjonali stabbiliti jew is-sistema elettronika ta' liċenzjar, li għandha tieħu deċiżjoni dwar it-trattament ta' dik il-merkanzija, jekk l-awtorità doganali ikollha dubju li l-merkanzija taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew ikollha raġunijiet għal suspett li:

(a) ma tteħidx kont ta' informazzjoni rilevanti meta ngħatat l-awtorizzazzjoni;

(b) iċ-ċirkustanzi nbidlu materjalment minn meta ngħatat l-awtorizzazzjoni; jew

(c) f'ċirkostanzi oħra, il-merkanzija elenkata ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament.

L-awtorità kompetenti għandha twieġeb lill-awtorità doganali permezz ta' mezzi nazzjonali stabbiliti jew permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol wara li tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Għal raġunijiet debitament sostanzjati, dak il-perjodu jista' jiġi estiż għal 30 jum ta' xogħol. Fejn l-awtorità kompetenti ma tirrispondix fil-limitu taż-żmien rilevanti, l-awtorità doganali għandha tirrilaxxa l-merkanzija elenkata f'konformità mal-Artikolu 194 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Artikolu 30

Detezzjoni ta' vjeġġ mhux konformi

1. Jekk awtorità doganali tidentifika vjeġġ ta' merkanzija elenkata li ma jikkonformax mal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament, hija għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li dik il-merkanzija tibqa' taħt superviżjoni doganali u fi żmien 24 siegħa għandha tinforma lill-awtorità kompetenti b'dan.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi f'perjodu ta' mhux aktar minn għaxart ijiem ta' xogħol dwar l-immaniġġar ta' dik il-merkanzija elenkata u tinforma lill-awtorità doganali bid-deċiżjoni tagħha li tippermetti r-rilaxx ta' dik il-merkanzija jew li tieħu azzjoni ulterjuri. Għal raġunijiet debitament sostanzjati, dak il-perjodu jista' jiġi estiż għal 30 jum ta' xogħol.

3. L-awtorità doganali għandha tiżgura li d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti dwar merkanzija elenkata taħt superviżjoni doganali tiġi eżegwita f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali.

4. Fejn il-vjeġġ ta' merkanzija elenkata mhux konformi jkun destinat lejn jew intbagħat minn Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun ġie identifikat il-vjeġġ ta' dik il-merkanzija għandha tinforma mingħajr dewmien, permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ jew tad-destinazzjoni dwar il-miżuri meħuda fir-rigward ta' dik il-merkanzija u r-raġunijiet għalihom.

5. Fil-każ ta' suspett raġonevoli ta' traffikar illeċitu ta' merkanzija elenkata, il-merkanzija għandha tinqabad jew tiġi sekwestrata u informazzjoni relatata mal-merkanzija sekwestrata jew miżmuma matul il-kontrolli doganali għandha tiġi kondiviża mill-awtorità doganali mingħajr dewmien:

(a) mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-awtorità doganali; u,

(b) mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 40(2) permezz tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA) tal-Europol.

6. Id-*data* dwar is-sekwestru jew iż-żamma għandha tinkludi, malli tkun disponibbli, l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dettalji tal-arma jew armi tan-nar, inkluż l-isem tal-manifattur jew tal-marka kummerċjali, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, jekk ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje, u l-mudell fejn ikun fattibbli, kif ukoll il-kwantitajiet;

(b) il-kategorija jew il-kategoriji tal-arma jew armi tan-nar, skont l-Anness I;

(c) fejn disponibbli, informazzjoni dwar il-manifattura: inkluż ir-riattivazzjoni ta' armi tan-nar diżattivati, il-konverżjoni ta' armi tal-allarm u tas-sinjal, armi tan-nar magħmula bl-idejn jew magħmula d-dar, armi tan-nar b'manifattura addittiva u kwalunkwe informazzjoni oħra ta' interess;

(d) il-pajjiż tal-oriġini;

(e) il-pajjiż tad-dispaċċ;

(f) il-pajjiż ta' destinazzjoni;

(g) il-mezz tat-trasport, inkluż skont il-każ "kontejner", "trakk jew vann", "vettura personali", "xarabank jew kowċ", "ferrovija", "avjazzjoni kummerċjali", "avjazzjoni ġenerali" jew "merkanzija u pakketti postali", flimkien ma', meta applikabbli, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-mezz tat-trasport użat; u n-nazzjonalità tal-kumpanija jew tal-persuna tat-trasport; u,

(h) il-post u t-tip tas-sekwestru jew taż-żamma, inkluż skont il-każ "domestiku", "punt ta' qsim tal-fruntiera", "fruntiera fuq l-art", "ajruport" jew "port marittimu".

7. L-Artikolu 6(1)ta' dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-awtorità doganali milli tapplika l-Artikolu 198(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Fejn l-awtorità doganali twettaq il-qerda tal-merkanzija elenkata kif deċiż mill-awtorità kompetenti, l-ispejjeż għall-qerda għandhom jitħallsu f'konformità mal-Artikolu 198(3) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

8. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tiddetermina s-sistema li għandha tintuża biex tinġabar informazzjoni statistika annwali dwar is-sekwestru u ż-żamma ta' merkanzija elenkata. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43(3).

KAPITOLU V

AMMINISTRAZZJONI, DIĠITALIZZAZZJONI U KOOPERAZZJONI

Artikolu 31

Ħażna tal-informazzjoni rigward l-importazzjoni, *l-esportazzjoni u l-esportazzjoni mill-ġdid ta'* merkanzija elenkata

1. L-Istati Membri għandhom iżommu, għal mhux inqas minn 20 sena, l-informazzjoni kollha relatata mal-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-esportazzjoni mill-ġdid tal-merkanzija elenkata, li hija meħtieġa biex tiġi ttraċċata u identifikata dik il-merkanzija, u biex jiġi evitat u skopert it-traffikar illeċitu tagħhom.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi, mutatis mutandis, informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21(1).

3. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux jgħodd għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 12(1), il-punt (a), jew fl-Artikolu 22(1), il-punti (a) u (b).

Artikolu 32

Statistika *u rapport annwali*

1. Il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Importazzjoni u għall-Esportazzjoni tal-Armi tan-Nar imsemmi fl-Artikolu 39(1), tippreżenta, kull sena sal-31 ta' Ottubru, rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tagħmel dan ir-rapport pubbliku. Ir-rapport għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni u esportazzjoni mogħtija fis-sena preċedenti fit-territorju doganali tal-Unjoni fil-livell tal-Istati Membri;

(b) il-kwantitajiet ta' merkanzija elenkata importati fi u esportati mit-territorju doganali tal-Unjoni matul is-sena preċedenti, skont il-kategorija u s-subkategorija kif elenkati fl-Anness I, skont l-oriġini u skont il-pajjiż tad-destinazzjoni fil-livell tal-Istati Membri;

(c) il-valur doganali tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet imsemmija fil-punt (b), fil-livell tal-Unjoni;

(d) l-għadd ta' rifjuti ta' awtorizzazzjonijiet matul is-sena preċedenti u r-raġunijiet għal dan;

(e) l-għadd ta' sekwestri, il-kwantità ta' merkanzija elenkata sekwestrata jew miżmuma, skont il-kategorija, matul is-sena preċedenti;

(f) il-kwantità u r-riżultati tal-verifiki ta' wara l-vjeġġ fil-livell tal-Istati Membri matul is-sena preċedenti; u,

(g) l-għadd ta' ksur u penali relatati mal-infurzar ta' dan ir-Regolament fil-livell tal-Istati Membri matul is-sena preċedenti.

2. Il-Kummissjoni għandha jkollha aċċess għad-data statistika miġbura fis-sistema elettronika ta' liċenzjar u fis-sistema li għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 30(8).

3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (f) u (g), kull sena sal-31 ta' Lulju.

4. L-istatistika u r-rapport annwali msemmi fil-paragrafu 1 ma għandhom jinkludu l-ebda *data* personali, l-ebda informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew l-ebda informazzjoni protetta dwar id-difiża, il-politika barranija jew is-sigurtà nazzjonali.

Artikolu 33

Tariffi amministrattivi

L-Istati Membri jistgħu japplikaw tariffa biex ikopru l-ispejjeż amministrattivi tat-trattament tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet.

Artikolu 34

Sistema elettronika ta' liċenzjar

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm sistema elettronika ta' liċenzjar sikura u kriptata għall-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni, esportazzjoni u simplifikata ta' esportazzjoni, u reġistrazzjonijiet, informazzjoni u deċiżjonijiet relatati magħhom skont l-Artikoli 9, 11, 12, 13, 19, 22, 23, 25, 26, 28, 29 u 30.

Is-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tipprovdi mill-inqas il-funzjonalitajiet li ġejjin:

(a) tippermetti r-reġistrazzjoni ta' persuni intitolati li jitolbu awtorizzazzjoni, eżenzjoni, jew simplifikazzjoni amministrattiva skont dan ir-Regolament qabel ma jissottomettu l-ewwel applikazzjoni u, jekk applikabbli, l-inklużjoni tan-numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI) f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 fil-profil tar-reġistrazzjoni;

(b) tippermetti l-proċedura elettronika biex tintalab, tingħata, tinħareġ u tinħażen awtorizzazzjoni, eżenzjoni jew simplifikazzjoni amministrattiva skont dan ir-Regolament;

(c) tippermetti interkonnessjoni mas-sistemi elettroniċi nazzjonali ta' liċenzjar li permezz tagħhom jistgħu jintalbu, jingħataw u jinħarġu l-awtorizzazzjonijiet, eżenzjonijiet jew is-simplifikazzjonijiet amministrattivi skont dan ir-Regolament fl-Istati Membri u tippermetti t-trasferiment tal-informazzjoni minn dawk is-sistemi elettroniċi nazzjonali ta' liċenzjar;

(d) tippermetti l-interkonnessjoni mal-awtoritajiet doganali nazzjonali permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2022/2399, inkluż l-ġestjoni tal-kwantità ta' merkanzija awtorizzata fejn meħtieġ;

(e) tippermetti t-tfassil ta' profili tar-riskju mill-awtoritajiet kompetenti u mill-awtoritajiet doganali ta' persuni awtorizzati jew irreġistrati f'konformità ma' dan ir-Regolament biex jimportaw, jesportaw jew jesportaw mill-ġdid merkanzija elenkata u t-tfassil ta' profili ta' dik il-merkanzija, inkluż twissijiet awtomatiċi rigward dokumentazzjoni nieqsa dwar il-prova tal-wasla;

(f) tippermetti assistenza amministrattiva u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni biex jiskambjaw informazzjoni u statistika dwar l-użu tas-sistema elettronika ta' liċenzjar;

(g) tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni, inkluż dwar rifjuti u r-raġunijiet għar-rifjut li jingħataw awtorizzazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(h) tippermetti l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-persuni li jitolbu awtorizzazzjoni, eżenzjoni, jew simplifikazzjoni amministrattiva u li jittellgħu l-provi tal-wasla;

(i) tippermetti komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(j) bl-eċċezzjoni tad-data personali, tippermetti statistika, bħall-għadd ta' awtorizzazzjonijiet, il-kwantitajiet u l-valuri tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet attwali, l-għadd ta' rifjuti li tingħata awtorizzazzjoni fir-rigward ta' merkanzija elenkata, u r-raġunijiet għal dan inkluż skont l-oriġini u d-destinazzjoni.

2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli għall-funzjonament tas-sistema elettronika ta' liċenzjar, inkluż regoli relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali u l-iskambju ta' *data* ma' sistemi oħra tal-IT. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi aċċess għas-sistema elettronika ta' liċenzjar lil:

(a) l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti għall-fini tal-eżekuzzjoni tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u skont il-leġiżlazzjoni doganali;

(b) persuni li jitolbu awtorizzazzjoni, eżenzjoni, jew simplifikazzjoni amministrattiva;

(c) is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni għall-finijiet tal-manutenzjoni tas-sistema, l-iskambju tad-data skont il-paragrafu 1, il-punti (e) u (f), u l-ġbir tad-data f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (i) u (j).

Il-persuni msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandu jkollhom aċċess biss għall-informazzjoni dwarhom infushom.

4. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi interkonnessjoni bejn is-sistema elettronika ta' liċenzjar u s-sistemi elettroniċi ta' liċenzjar nazzjonali, jekk dawn ikunu ġew stabbiliti.

5. L-ipproċessar ta' data personali fis-sistema elettronika ta' liċenzjar għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 jew mar-Regolament (UE) 2018/1725, kif applikabbli.

6. Is-sistema elettronika ta' liċenzjar għandha tkun fis-seħħ sat-12 ta' Frar 2027.

7. Għall-finijiet tal-verifika u tal-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(3) u (4) ta' dan ir-Regolament rispettivament, is-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2022/2399 tgħaqqad is-sistema elettronika ta' liċenzjar mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. L-interkonnessjoni għandha tiġi stabbilit sat-12 ta' Frar 2031.

Artikolu 35

Obbligi ta' *informazzjoni* u ta' rappurtar

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju ta' kull sena dwar il-mudelli tal-armi tal-allarm u tas-sinjal li jkunu ġew ikkontrollati f'konformità mal-Artikolu 8. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu diskussi fil-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet tal-Armi tan-Nar imsemmi fl-Artikolu 39.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sentejn lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 39 dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 10(8) u 24(5). Dawk ir-rapporti għandhom jiġu diskussi fil-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet tal-Armi tan-Nar.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 36

Proċedura ta' sigurtà

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tagħhom ikunu siguri u li l-awtentiċità tad-dokumenti ta' awtorizzazzjoni tista' tkun ivverifikata jew ivvalidata.

2. L-Istati Membri jistgħu wkoll, fejn xieraq, jiżguraw il-verifika u l-validazzjoni permezz ta' mezzi diplomatiċi.

Artikolu 37

Kompiti tal-awtoritajiet kompetenti

1. Sabiex ikun żgurat li dan ir-Regolament jiġi applikat kif suppost, l-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa biex ikun permess li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu:

(a) jinforzaw, bi kwalunkwe miżura meħtieġa, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż, fejn xieraq, il-konfiska u l-bejgħ jew il-qerda tal-oġġetti elenkati;

(b) jiġbru informazzjoni dwar kwalunkwe ordni jew tranżazzjoni li tinvolvi merkanzija elenkata; u,

(c) jistabbilixxu li l-obbligi ta' persuna skont dan ir-Regolament qed jiġu ssodisfati kif xieraq, li jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu s-setgħa li jidħlu fil-bini ta' dik il-persuna u persuni oħra b'interess fit-tranżazzjoni kkonċernata.

2. Fuq talba ta' pajjiż terz tal-esportazzjoni li jkun Stat Parti għall-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar fil-mument tal-esportazzjoni, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li joħroġ l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni użata għall-esportazzjoni mill-pajjiż terz għandha tikkonferma l-importazzjoni jew il-ħażna temporanja tal-merkanzija elenkata ikkonċernata mill-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni.

Artikolu 38

Infurzar

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

2. Ir-reġim ta' protezzjoni tal-informaturi stabbilit bid-Direttiva (UE) 2019/1937 għandu japplika għal persuni li jirrapportaw ksur ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 39

Grupp ta' koordinazzjoni

1. Għandu jitwaqqaf Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Importazzjoni u għall-Esportazzjoni tal-Armi tan-Nar ("Grupp ta' Koordinazzjoni") ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 40(2).

2. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jeżamina kull kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li tista' titqajjem jew mill-president jew minn rappreżentant tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 40(2). L-ipproċessar u l-użu ta' informazzjoni f'konformità ma' dan il-paragrafu għandhom jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 515/97 dwar il-kunfidenzjalità tagħha.

3. Il-President tal-Grupp ta' Koordinazzjoni, jew il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu, kull meta jkun meħtieġ, jikkonsulta lill-partijiet interessati, ikkonċernati minn dan ir-Regolament.

Artikolu 40

Kompiti ta' implimentazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati biex ikun implimentat dan ir-Regolament.

2. Sat-12 ta' Awwissu 2025 kull Stat Membru għandu jaħtar u jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-awtorità jew l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Abbażi tal-informazzjoni li tkun waslet skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna fis-sit web tagħha lista tal-awtoritajiet imsemmija f'dak il-paragrafu kull meta ssir bidla.

4. Fuq talba tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u fi kwalunkwe każ kull 10 snin, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tiegħu, li jista' jinkludi proposti biex jiġi emendat. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha adatta għat-tħejjija tar-rapport . Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ewwel rapport interim dwar l-applikazzjoni sat-12 ta' Frar 2030.

Artikolu 41

Atti delegati

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 42 biex:

(a) tissupplimenta dan ir-Regolament bir-regoli li jistabbilixxu awtorizzazzjoni ġenerali ta' importazzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 9(2), il-punt (c), ta' dan ir-Regolament għall-operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-sigurtà u s-sikurezza skont l-Artikolu 38(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, billi tispeċifika l-format, l-użu u l-validità ġeografika għal dak it-tip ta' awtorizzazzjoni;

(b) tissupplimenta dan ir-Regolament bir-regoli li jistabbilixxu awtorizzazzjoni ġenerali ta' esportazzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 19(3), il-punt (d), ta' dan ir-Regolament għall-operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-sigurtà u s-sikurezza skont l-Artikolu 38(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 billi tispeċifika l-format, l-użu u l-validità ġeografika għal dak it-tip ta' awtorizzazzjoni;

(c) tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-parti tal-carnet ATA fejn ir-referenza għall-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti jew in-numru ta' referenza pprovdut mill-awtorità kompetenti għandhom jiġu indikati mid-dikjarant f'konformità mal-Artikolu 29(1);

(d) temenda l-Anness I ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' emendi għall-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 u fuq il-bażi ta' emendi għall-Anness I tad-Direttiva (UE) 2021/555;

(e) temenda l-Annessi II, III u IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 42

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 41 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 41 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 41 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 43

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 44

Perjodu tranżitorju

1. Sat-12 ta' Frar 2029, għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 32(1), kull Stat Membru għandu sal-31 ta' Lulju ta' kull sena jippreżenta lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni u esportazzjoni li jkun ta matul is-sena preċedenti;

(b) l-għadd ta' rifjuti ta' awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni matul is-sena preċedenti u r-raġunijiet għal dan; u,

(c) l-għadd ta' ksur u penali relatati mal-infurzar ta' dan ir-Regolament matul is-sena preċedenti.

2. L-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' merkanzija elenkata, soġġetta għall-Artikoli 9, 11, 19, u 23 u mogħtija qabel it-12 ta' Frar 2029 għandhom jibqgħu validi għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar minn dik id-data.

3. L-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' merkanzija elenkata, mitluba qabel it-12 ta' Frar 2029 u pendenti f'dik id-data, għandhom jingħataw skont id-dispożizzjonijiet applikabbli qabel dik id-data. Dawk l-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu validi għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar minn dik id-data.

4. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni tal-merkanzija elenkata msemmija fl-Artikolu 14, li jkunu fis-seħħ fl-Istati Membri fil-11 ta' Frar 2025, għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, skont il-proċedura stipulata fl-Artikoli 15, 16 u 17. L-Istati Membri għandhom jagħmlu dik in-notifika sat-12 ta' Awwissu 2028.

Artikolu 45

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stipulata fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 46

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-12 ta' Frar 2029.

Madankollu, l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 9(1), l-Artikolu 11(6), l-Artikolu 14 sa 18, l-Artikolu 30(8), l-Artikolu 34, l-Artikolu 35, l-Artikoli 38 sa 44, u l-Artikolu 46 għandhom japplikaw mill-11 ta' Frar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2024.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	BÓKA J.

ANNESS I

I: Lista ta' armi tan-nar u munizzjon, skont id-Direttiva (UE) 2021/555.

	DESKRIZZJONI	KODIĊI NM
Kategorija A – Armi tan-nar ipprojbiti		
(1)	Missili splussivi militari u launchers.	9301 10 00 9301 20 00 9306 90 10
(2)	Armi tan-nar awtomatiċi.	9301 90 00
(3)	Armi tan-nar travestiti bħala oġġetti oħra.	ex 9302 00 00 ex 9303 10 00 ex 9303 90 00 9301 90 00 ex 9303 20 10 ex 9303 20 95
(4)	Munizzjon bi projettili li jippenetraw, jisplodu jew jinċendjaw, u l-projettili għal tali munizzjon.	9306 30 30 9306 90 10 ex 9306 21 00
(5)	Munizzjon għall-pistoli u revolvers bi projettili li jespandu u l-projettili għal tali munizzjon, ħlief f'każ ta' armi għall-kaċċa jew għall-isparar fuq bersalji, għall-persuni li għandhom id-dritt jużawhom.	ex 9306 30 10 9306 30 30
(6)	Armi tan-nar awtomatiċi li ġew ikkonvertiti f'armi tan-nar semiawtomatiċi	9301 90 00 ex 9302 00 00
(7)	Kwalunkwe arma tan-nar semiawtomatika centre-fire minn fost dawn li ġejjin: (a) armi tan-nar qosra li jippermettu l-isparar ta' aktar minn 21 round mingħajr ikkargar mill-ġdid, jekk: — apparat tal-ikkargar b'kapaċità li taqbeż 20 round ikun parti minn dik l-arma tan-nar; jew — apparat tal-ikkargar, li jista' jiżżarma, b'kapaċità li taqbeż 20 round ikun imdaħħal fiha;	ex 9302 00 00

	DESKRIZZJONI	KODIĊI NM
	(b) armi tan-nar twal li jippermettu l-isparar ta' aktar minn 11-il round mingħajr ikkargar mill-ġdid, jekk: — apparat tal-ikkargar b'kapaċità li taqbeż 10 rounds ikun parti minn dik l-arma tan-nar; jew — apparat tal-ikkargar, li jista' jiżżarma, b'kapaċità li taqbeż 10 rounds ikun imdaħħal fiha.	ex 9303 30 00 9301 90 00 ex 9303 90 00 ex 9303 20 10 ex 9303 20 95
(8)	Armi tan-nar twal semiawtomatiċi, jiġifieri armi tan-nar li jkunu oriġinarjament maħsuba biex jiġu sparati minn fuq l-ispalla, li jistgħu jitqassru għal tul ta' inqas minn 60 cm mingħajr ma jitilfu l-funzjonalità permezz ta' ċipp li jista' jiġi mitwi jew jingħalaq teleskopikament jew permezz ta' ċipp li jista' jiżżarma mingħajr l-użu ta' għodda.	9301 90 00 ex 9303 20 10 ex 9303 20 95 ex 9303 30 00 ex 9303 90 00
(9)	Kwalunkwe arma tan-nar f'din il-kategorija li tkun ġiet konvertita f'arma li tispara inbjank, sustanzi irritanti, sustanzi attivi oħra jew rounds piroteknikiċi, jew f'arma tas-salut jew akustika	9301 90 00 ex 9302 00 00 ex 9303 20 10 ex 9303 20 95 ex 9303 30 00 ex 9303 90 00

Kategorija B – Armi tan-nar soġġetti għall-awtorizzazzjoni

(1)	Armi tan-nar qosra li jirrepetu.	ex 9302 00 00
(2)	Armi tan-nar qosra b'tir wieħed b'centre-fire percussion.	ex 9302 00 00
(3)	Armi tan-nar qosra b'tir wieħed b'rimfire percussion li t-tul kollu tagħhom huwa inqas minn 28 cm.	ex 9302 00 00
(4)	Armi tan-nar twal semiawtomatiċi li l-apparat tal-ikkargar u ċ-chamber tagħhom għandhom kapaċità ta' aktar minn tliet rounds fil-każ ta' armi tan-nar b'rimfire, u aktar minn tlieta iżda inqas minn tnax-il round fil-każ ta' armi tan-nar centre-fire.	ex 9303 20 10 ex 9303 20 95 ex 9303 30 00 ex 9303 90 00

	DESKRIZZJONI	KODIĊI NM
(5)	Armi tan-nar qosra semiawtomatiċi minbarra dawk elenkati fil-punt (7)(a) tal-Kategorija A.	ex 9302 00 00
(6)	Armi tan-nar twal semiawtomatiċi elenkati fil-punt (7)(b) tal-Kategorija A li l-apparat tal-ikkargar u ċ-chamber tagħhom flimkien ma għandhomx kapaċità ta' aktar minn tliet rounds, fejn l-apparat tal-ikkargar jista' jiżżarma jew fejn ma jkunx żgur li l-arma ma tistax tiġi kkonvertita, b'għodda ordinarja, f'arma li l-apparat tal-ikkargar u ċ-chamber tagħha flimkien jistgħu jieħdu aktar minn tliet rounds.	ex 9303 20 10 ex 9303 20 95 ex 9303 30 00 ex 9303 90 00
(7)	Armi tan-nar twal li jirrepetu t-tiri u li huma semiawtomatiċi b'kanen lixxi li ma jaqbżux is-60 cm tul.	ex 9303 20 10 ex 9303 20 95
(8)	Kwalunkwe arma tan-nar f'din il-kategorija li tkun ġiet konvertita f'arma li tispara inbjank, sustanzi irritanti, sustanzi attivi oħra jew rounds pirotekniċi, jew f'arma tas-salut jew akustika.	ex 9302 00 00 ex 9303 20 10 ex 9303 20 95 ex 9303 30 00 ex 9303 90 00
(9)	Armi tan-nar semiawtomatiċi għall-użu ċivili li jixbħu lill-armi b'mekkaniżmi awtomatiċi barra dawk elenkati taħt il-punt (6), (7) jew (8) tal-Kategorija A	ex 9302 00 00 ex 9303 20 10 ex 9303 20 95 ex 9303 30 00 ex 9303 90 00

Kategorija C – Armi tan-nar u armi soġġetti għal dikjarazzjoni

(1)	Armi tan-nar twal li jirrepetu, barra dawk elenkati fil-punt (7) tal-Kategorija B.	ex 9303 20 95 ex 9303 30 00 ex 9303 90 00
(2)	Armi tan-nar twal b'kanen li jisparaw tir wieħed.	ex 9303 20 95 ex 9303 30 00 ex 9303 90 00

	DESKRIZZJONI	KODIĊI NM
(3)	Armi tan-nar twal semiawtomatiċi barra dawk elenkati fil-Kategorija A jew B.	ex 9303 30 00 ex 9303 20 10 ex 9303 20 95 ex 9303 90 00
(4)	Armi tan-nar qosra b'tir wieħed b'rimfire percussion li t-tul kollu tagħhom huwa inqas minn 28 cm.	ex 9302 00 00
(5)	Kwalunkwe arma tan-nar f'din il-kategorija li tkun ġiet konvertita f'arma li tispara inbjank, sustanzi irritanti, sustanzi attivi oħra jew rounds piroteknikiċi, jew f'arma tas-salut jew akustika.	ex 9303 20 10 ex 9303 20 95 ex 9303 30 00 ex 9303 90 00
(6)	Armi tan-nar ikklassifikati fil-Kategorija A jew B jew din il-kategorija li ġew diżattivati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2403.	ex 9304 00 00
(7)	Armi tan-nar twal b'tir wieħed u kanen lixxi introdotti fis-suq fl-14 ta' Settembru 2018 jew wara.	9303 10 00 ex 9303 20 10 ex 9303 20 95

II: Armi tan-nar u munizzjon minbarra dawk elenkati fil-parti I u komponenti essenzjali tagħhom.

(1)	Kollezzjonijiet u oġġetti tal-kollezzjoni ta' interess storiku.	ex 9705 10 00 ex 9706 10 00 ex 9706 90 00
(2)	Munizzjon: ir-round sħiħ jew il-komponenti tiegħu, inklużi l-kontenituri tal-iskrataċ, il-kaps, il-porvli ta' splussiv (propellant powder), il-balal jew il-projettili, li jintużaw f'arma tan-nar, sakemm dawk il-komponenti stess ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni fl-Istat Membru rilevanti.	ex 3601 00 00 9306 21 00 ex 9306 29 00 ex 9306 30 10 ex 9306 30 30 ex 9306 30 90 ex 9306 90 10 ex 9306 90 90

(3)	Kwalunkwe komponent essenzjali tal-armi tan-nar, anki nofsu lest, inkluż armi tan-nar nofshom lesti.	ex 9305 10 00 ex 9305 20 00 ex 9305 91 00 ex 9305 99 00

III: Armi tal-allarm u tas-sinjal mhux konvertibbli

(1)	Armi tal-allarm u tas-sinjal mhux konvertibbli msemmija fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.	ex 9303 90 00 ex 9304 00 00

IV: Moderaturi tal-ħoss

(1)	Moderaturi tal-ħoss.	ex 9305 10 00

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "arma tan-nar qasira" tfisser arma tan-nar b'kanna li ma taqbiżx it-30 ċentimetru jew li t-tul kollu tagħha ma jaqbiżx is-60 ċentimetru;

(b) "arma tan-nar twila" tfisser kull arma tan-nar għajr arma tan-nar qasira;

(c) "arma tan-nar awtomatika" tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga b'mod awtomatiku kull darba li jiġi sparat tir u li tista' tispara aktar minn tir wieħed b'għafsa waħda tal-grillu;

(d) "arma tan-nar semiawtomatika" tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga b'mod awtomatiku kull darba li jiġi sparat tir u li tista' tispara tir wieħed biss b'għafsa waħda tal-grillu;

(e) "arma tan-nar li tirrepeti" tfisser arma tan-nar li, wara li jiġi sparat tir, hija ddisinjata sabiex terġa' tiġi kkargata minn kompartiment għall-iskratać jew ċilindru permezz ta' azzjoni li ssir manwalment;

(f) "arma tan-nar b'tir wieħed" tfisser arma tan-nar mingħajr kompartiment għall-iskratać li tikkarga qabel kull tir billi wieħed bl-id idaħħal tir fir-rukkell jew rokna għall-ikkargar fil-breech tal-kanna.

(1) Ibbażat fuq in-Nomenklatura Magħquda tal-oġġetti kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

(2) Fejn jidher il-kodiċi "ex", l-ambitu għandu jiġi stabbilit permezz tal-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi magħha meħudin flimkien

ANNESS II

(imsemmija fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament)

Meta jagħtu awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw il-viżibbiltà tan-natura tal-awtorizzazzjoni fuq il-formola li joħorġu.

Din hija awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni sad-data ta' skadenza tagħha.

<table>
<tr><td colspan="3">UNJONI EWROPEA</td><td colspan="3">IMPORTAZZJONI TAL-ARMI TAN-NAR (Regolament (UE) 2025/41 (1))</td></tr>
<tr><td colspan="6">Tip ta' awtorizzazzjoni
Singoli ☐ multipli ☐ nazzjonali ġenerali ☐</td></tr>
<tr><td colspan="6">Movimenti qabel l-importazzjoni applikabbli? Iva ☐ Proċedura ta' tranżitu għall merkanzija mhux tal-Unjoni applikabbli? Iva ☐</td></tr>
<tr><td colspan="3">Armi tal-allarm u tas-sinjal mhux konvertibbli ☐</td><td colspan="3">Armi tan-nar diżattivati b'ċertifikat ☐
Armi tan-nar diżattivati mingħajr ċertifikat ☐</td></tr>
<tr><td rowspan="10">Awtorizzazzjoni</td><td>1.</td><td>1. Nru tal-Importatur
(Numru EORI jekk applikabbli)</td><td>2. Numru ta' identifikazzjoni tal-awtorizzazzjoni (2)</td><td colspan="2">3. Data tal-iskadenza</td></tr>
<tr><td colspan="3">4. Dettalji tal-punt ta' kuntatt</td></tr>
<tr><td colspan="2">5. Konsenjatarju/i (Numru EORI jekk applikabbli)</td><td colspan="3">6. Awtorità tal-ħruġ</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="3">7. Aġent(i)/Rappreżentant(i) Le
(Jekk differenti mill-importatur) (numru EORI jekk applikabbli)</td><td colspan="2">8. Pajjiż(i) tal-importazzjoni</td><td>Kodiċi (3)</td></tr>
<tr><td colspan="2">9. Pajjiż(i) tal-esportazzjoni u numru/i tal-awtorizzazzjoni(jiet) ta' esportazzjoni</td><td>Kodiċi (3)</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="2">10. Riċevitur(i) finali (jekk magħrufa fil-ħin tal-vjeġġ) (numru EORI jekk applikabbli)</td><td>11. Pajjiżi terzi li minnhom tgħaddi l-kunsinna (jekk applikabbli)</td><td>Kodiċi (3)</td></tr>
<tr><td>12. Stat(i) Membru/i ta' dħul previst fil-proċedura ta' importazzjoni doganali</td><td>Kodiċi (3)</td></tr>
<tr><td colspan="2">13. Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="3">14. Kodiċi tas-Sistema Armonizzata jew tan-Nomenklatura Magħquda (jekk applikabbli – 8 ċifri)</td></tr>
<tr><td colspan="2">13a. Immarkar
bħala konformi mal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar
Konformi mad-Direttiva tal-UE dwar l-Armi tan-Nar (id-Direttiva (UE) 2021/555 (4))</td><td>15. Valuta u valur</td><td colspan="2">16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td colspan="2">17. Użu aħħari</td><td>18. Data tal-kuntratt (jekk applikabbli)</td><td colspan="2">19. Proċedura doganali</td></tr>
<tr><td colspan="5">20. Informazzjoni addizzjonali meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali (li għandha tiġi speċifikata fil-formola)</td></tr>
</table>

(1) Ir-Regolament (UE) 2025/41 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-miżuri ta' tranżitu għall-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon, li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrikar illeċitu u t-traffikar tal-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) (ĠU L, 2025/41, 22.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/41/oj).

(2) Għandha tiġi kkompletata mill-awtorità kompetenti.

(3) Ara r-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1).

(4) Id-Direttiva (UE) 2021/555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 115, 6.4.2021, p. 1).

	Disponibbli għall-informazzjoni li tkun diġà ġiet stampata fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri		
		Għandha tiġi kkompletata mill-awtorità tal-ħruġ	
		Firma	Timbru
		Awtorità tal-ħruġ	
		Post u data	

<table>
<tr><td colspan="4">UNJONI EWROPEA</td></tr>
<tr><td rowspan="2">1a.</td><td rowspan="2">1. Importatur</td><td>2. Numru ta' identifikazzjoni</td><td rowspan="2">9. Pajjiż ta' importazzjoni u numru tal-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni</td></tr>
<tr><td rowspan="15">Awtorizzazzjoni</td><td>5. Konsenjatarju</td></tr>
<tr><td>13.1 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td>13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td>13.2 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td>13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td>13.3 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td>13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td>13.4 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td>13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td>13.5 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td>13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td>13.6 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td>13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td colspan="4">Nota: Għandha timtela formula separata għal kull konsenjatarju, skont il-mudell 1a. Fil-parti 1 tal-kolonna 22, ikteb il-kwantità li għadha disponibbli u fil-parti 2 tal-kolonna 22, ikteb il-kwantità mnaqqsa f'din l-okkażjoni.</td></tr>
</table>

21. Kwantità/valur nett (massa/unità oħra netta b'indikazzjoni tal-unità)		24. Dokument doganali (tip u numru) jew silta (Nru) u data tat-tnaqqis	25. Stat Membru, isem u firma, timbru tat-tnaqqis
22. F'numri	23. Fi kliem għall-kwantità/valur imnaqqas		
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			

ANNESS III

(imsemmi fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament)

Meta jagħtu awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw il-viżibbiltà tan-natura tal-awtorizzazzjoni fuq il-formola li joħorġu.

Din hija awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni valida fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni sad-data ta' skadenza tagħha.

<table>
<tr><td colspan="2">UNJONI EWROPEA</td><td colspan="3">ESPORTAZZJONI TAL-ARMI TAN-NAR (Regolament (UE) 2025/41 (1))</td></tr>
<tr><td colspan="5">Tip ta' awtorizzazzjoni
Singola ☐ multipla ☐</td></tr>
<tr><td colspan="5">Japplika t-tranżitu intra-UE wara l-esportazzjoni iva ☐</td></tr>
<tr><td colspan="2">Armi tal-allarm u tas-sinjal mhux konvertibbli ☐</td><td colspan="3">Armi tan-nar diżattivati ☐</td></tr>
<tr><td rowspan="11">Awtorizzazzjoni</td><td>1. Sid (jekk applikabbli)</td><td>1. Nru tal-applikant/esportatur
(Numru EORI jekk applikabbli)</td><td>2. Numru ta' identifikazzjoni tal-awtorizzazzjoni (2)</td><td>3. Data tal-iskadenza</td></tr>
<tr><td colspan="3">4. Dettalji tal-punt ta' kuntatt</td></tr>
<tr><td colspan="2">5. Konsenjatarju/i (Numru EORI jekk applikabbli)</td><td colspan="2">6. Awtorità tal-ħruġ</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="2">7. Aġent(i)/Rappreżentant(i) Le
(Jekk differenti mill-applikant/id-detentur tal-awtorizzazzjoni) (in-numru EORI jekk applikabbli)</td><td>8. Pajjiż(i) ta' esportazzjoni</td><td>Kodiċi (3)</td></tr>
<tr><td>9. Pajjiż(i) ta' importazzjoni u numru/i tal-awtorizzazzjoni(jiet) ta' importazzjoni</td><td>Kodiċi (3)</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="2">10. Riċevitur(i) finali (jekk magħrufa fil-ħin tal-vjeġġ) (numru EORI jekk applikabbli)</td><td>11. Pajjiżi terzi li minnhom tgħaddi l-kunsinna (jekk applikabbli)</td><td>Kodiċi (3)</td></tr>
<tr><td>12. Stat(i) Membru/i ta' dħul previst fil-proċedura ta' esportazzjoni doganali</td><td>Kodiċi (3)</td></tr>
<tr><td colspan="2">13. Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tas-Sistema Armonizzata jew tan-Nomenklatura Magħquda (jekk applikabbli – 8 ċifri)</td></tr>
<tr><td colspan="2">13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td colspan="2">17. Użu aħħari</td><td>18. Data tal-kuntratt (jekk applikabbli)</td><td>19. Proċedura ta' esportazzjoni doganali</td></tr>
<tr><td colspan="3">20. Informazzjoni addizzjonali meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali (li għandha tiġi speċifikata fil-formola)</td></tr>
</table>

(1) Ir-Regolament (UE) 2025/41 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar miżuri ta' importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu għal armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrikar illeċitu u t-traffikar tal-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) (riformulazzjoni) (ĠU L, 2025/41, 22.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/41/oj).

(2) Għandha tiġi kkompletata mill-awtorità kompetenti.

(3) Ara r-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1).

	Disponibbli għall-informazzjoni li tkun diġà ġiet stampata fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri		
		Għandha tiġi kkompletata mill-awtorità tal-ħruġ	
		Firma	Timbru
		Awtorità tal-ħruġ	
		Post u data	

<table>
<tr><td colspan="4">UNJONI EWROPEA</td></tr>
<tr><td>1a.</td><td colspan="2">1. Applikant/esportatur</td><td>2. Numru ta' identifikazzjoni</td><td rowspan="2">9. Pajjiż ta' importazzjoni u numru tal-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni</td></tr>
<tr><td rowspan="14">Awtorizzazzjoni</td><td colspan="2" rowspan="2"></td><td>5. Konsenjatarju</td></tr>
<tr><td colspan="2">13.1 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td colspan="2">13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td colspan="2">13.2 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td colspan="2">13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td colspan="2">13.3 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td colspan="2">13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td colspan="2">13.4 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td colspan="2">13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td colspan="2">13.5 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td colspan="2">13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td colspan="2">13.6 Deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td colspan="2">14. Kodiċi tal-merkanzija (jekk applikabbli, bi 8 numri)</td></tr>
<tr><td colspan="2">13a. Immarkar</td><td>15. Valuta u valur</td><td>16. Kwantità tal-oġġetti</td></tr>
<tr><td colspan="4">Nota: Għandha timtela formula separata għal kull konsenjatarju, skont il-mudell 1a. Fil-parti 1 tal-kolonna 22, ikteb il-kwantità li għadha disponibbli u fil-parti 2 tal-kolonna 22, ikteb il-kwantità mnaqqsa f'din l-okkażjoni.</td></tr>
</table>

21. Kwantità/valur nett (massa/unità oħra netta b'indikazzjoni tal-unità)		24. Dokument doganali (tip u numru) jew silta (Nru) u data tat-tnaqqis	25. Stat Membru, isem u firma, timbru tat-tnaqqis
22. F'numri	23. Fi kliem għall-kwantità/valur imnaqqas		
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			

ANNESS IV

Forma tad-dikjarazzjoni tal-utent

Id-dikjarazzjoni tal-utent għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) dettalji tal-esportatur (inkluż l-isem, l-indirizz, l-isem tan-negozju u, jekk disponibbli, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija);

(b) dettalji tal-utent (inkluż l-isem, l-indirizz, l-isem tan-negozju u, jekk disponibbli, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija);

(c) il-pajjiż ta' destinazzjoni finali;

(d) deskrizzjoni tal-merkanzija, inkluż, jekk disponibbli, in-numru tal-kuntratt jew in-numru tal-ordni;

(e) jekk applikabbli, il-kwantità jew il-valur tal-merkanzija maħsuba għall-esportazzjoni;

(f) il-firma, isem u titlu tal-utent;

(g) l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni finali;

(h) fejn meħtieġ mil-liġi nazzjonali jew il-prattika ta' pajjiż terz, awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jew ċertifikazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti (inkluż id-data, l-isem, it-titolu u l-firma oriġinali tal-uffiċjal awtorizzanti);

(i) id-data tal-ħruġ tad-dikjarazzjoni tal-utent;

(j) jekk applikabbli, numru uniku ta' identifikazzjoni jew numru tal-kuntratt relatat mad-dikjarazzjoni tal-utent;

(k) impenn li l-prodotti ser jintużaw għal skopijiet ċivili biss; u,

(l) jekk xieraq, id-dettalji tas-sensar rilevanti (inkluż l-isem, l-indirizz, l-isem tan-negozju u, jekk disponibbli, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija).

ANNESS V

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (UE) Nru 258/2012	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2, il-kliem introduttorju	Artikolu 2(1), il-kliem introduttorju
—	Artikolu 2(1), il-punt (1)
Artikolu 2, il-punt (1)	Artikolu 2(1), il-punt (2)
Artikolu 2, il-punt (2)	—
—	Artikolu 2(1), il-punt (3)
Artikolu 2, il-punt (3)	Artikolu 2(1), il-punt (4)
—	Artikolu 2(1), il-punt (5)
—	Artikolu 2(1), il-punt (6)
Artikolu 2, il-punt (4)	Artikolu 2(1), il-punt (7)
Artikolu 2, il-punt (5)	Artikolu 2(1), il-punt (8)
—	Artikolu 2(1), il-punt (9)
Artikolu 2, il-punt (7)	Artikolu 2(1), il-punt (10)
Artikolu 2, il-punt (9)	Artikolu 2(1), il-punt (11)
—	Artikolu 2(1), il-punt (12)
—	Artikolu 2(1), il-punt (13)
—	Artikolu 2(1), il-punt (14)
—	Artikolu 2(1), il-punt (15)
—	Artikolu 2(1), il-punt (16)
—	Artikolu 2(1), il-punt (17)
—	Artikolu 2(1), il-punt (18)
Artikolu 2, il-punt (10)	—
—	Artikolu 2(1), il-punt (19)
—	Artikolu 2(1), il-punt (20)
—	Artikolu 2(1), il-punt (21)
Artikolu 2, il-punt (6)	Artikolu 2(1), il-punt (22)
—	Artikolu 2(1), il-punt (23)
—	Artikolu 2(1), il-punt (24)
Artikolu 2, il-punt (8)	Artikolu 2(1), il-punt (25)
—	Artikolu 2(1), il-punt (26)
—	Artikolu 2(1), il-punt (27)
—	Artikolu 2(1), il-punt (28)
—	Artikolu 2(1), il-punt (29)
Artikolu 2, il-punt (11)	Artikolu 2(1), il-punt (30)
—	Artikolu 2(1), il-punt (31)
Artikolu 2, il-punt (12)	—
—	Artikolu 2(1), il-punt (32)

Regolament (UE) Nru 258/2012	Dan ir-Regolament
—	Artikolu 2(1), il-punt (33)
Artikolu 2, il-punt (13)	Artikolu 2(1), il-punt (34)
Artikolu 2, il-punt (15)	Artikolu 2(1), il-punt (35)
Artikolu 2, il-punt (16)	–-
—	Artikolu 2(1), il-punt (36)
—	Artikolu 2(1), il-punt (37)
—	Artikolu 2(2)
Artikolu 3(1), il-punti (a), (b), (c) u (f)	Artikolu 3, il-punti (a), (b), (c) u (d)
Artikolu 3(1), il-punti (d) u (e)	—
Artikolu 3(2)	—
—	Artikolu 4
—	Artikolu 5
—	Artikolu 6
—	Artikolu 7
—	Artikolu 8
—	Artikolu 9
—	Artikolu 10
—	Artikolu 11
—	Artikolu 12
—	Artikolu 13
—	Artikolu 14
—	Artikolu 15
—	Artikolu 16
—	Artikolu 17
—	Artikolu 18
—	Artikolu 19(1)
—	Artikolu 19(2), l-ewwel sentenza
Artikolu 4(1), it-tieni sentenza	Artikolu 19(2), it-tieni sentenza
Artikolu 4(2)	—
Artikolu 4(1), l-ewwel sentenza	Artikolu 19(3)
Artikolu 2,il-punt (14)	Artikolu 19(3), il-punt (a), (b) u (d)
—	Artikolu 19(3), il-punt (c)
Artikolu 4(3)	Artikolu 19(4)
—	Artikolu 19(5) u (6)
Artikolu 5	Artikolu 41(1), il-kliem introduttorju u l-punt (d)
—	Artikolu 41(1), il-punti (a), (b), (c) u (e)
Artikolu 6	Artikolu 42
—	Artikolu 20(3)
Artikolu 7(1), il-kliem introduttorju	Artikolu 20(2), il-punti (a) u (b)
Artikolu 7(1), il-punti (a) u (b)	—
Artikolu 7(2)	Artikolu 20(4)

Regolament (UE) Nru 258/2012	Dan ir-Regolament
Artikolu 7(3)	Artikolu 20(2), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 7(4)	Artikolu 20(1)
—	Artikolu 20(5)
—	Artikolu 20(6)
Artikolu 7(5), l-ewwel sentenza	Artikolu 20(7), l-ewwel sentenza
—	Artikolu 20(7), it-tieni sentenza
Artikolu 7(5), it-tieni sentenza	Artikolu 20(7), it-tielet sentenza
Artikolu 7(6)	—
Artikolu 8	Artikolu 21(1) u (2)
—	Artikolu 21(3)
Artikolu 9(1), il-punt (a)(i)	Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)
—	Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(i), (ii) u (iii)
Artikolu 9(1), il-punt (b)	Artikolu 22(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 9(1), il-punt (a)(ii)	Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b)
—	Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (b)(i), (ii) u (iii)
—	Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (c) u (d)
—	Artikolu 22(2)
Artikolu 9(1), il-punt (c)	Artikolu 22(3)
Artikolu 9(2	Artikolu 23(1)
—	Artikolu 23(2) sa (5)
Artikolu 10	Artikolu 24(1), (2) u (3)
Artikolu 11(3)	Artikolu 24(4)
—	Artikolu 24(5)
—	Artikolu 25(1), il-punt (a)
Artikolu 11(1), il-punt (a)	Artikolu 25(1), il-punt (b)
—	Artikolu 25(1), il-punti (c), (d) u (e)
Artikolu 11(1), il-punt (b)	Artikolu 25(4), l-ewwel sentenza
Artikolu 11(1), l-aħħar subparagrafu	—
—	Artikolu 25(2) u (3)
Artikolu 11(2)	Artikolu 25(4), it-tieni sentenza
—	Artikolu 25(5)
—	Artikolu 25(6)
Artikolu 11(4)	Artikolu 25(7)
Artikolu 12, l-ewwel paragrafu	Artikolu 31(1)
Artikolu 12, it-tieni paragrafu	Artikolu 31(2
—	Artikolu 31(3)
—	Artikolu 26(1)
—	Artikolu 26(2), l-ewwel sentenza
Artikolu 13(1)	Artikolu 26(3)
—	Artikolu 26(4)

Regolament (UE) Nru 258/2012	Dan ir-Regolament
Artikolu 13(2) u (3)	—
—	Artikolu 27
Artikolu 14	Artikolu 36
Artikolu 15	Artikolu 37(1)
—	Artikolu 37(2)
Artikolu 16	Artikolu 38(1)
—	Artikolu 38(2)
Artikolu 17(1)	Artikolu 29(1)
Artikolu 17(2)	Artikolu 29 (2)
—	Artikolu 29(3) u (4)
Artikolu 17(3)	Artikolu 29(5), il-punt (20 u (b)
—	Artikolu 29(5), il-punt (c)
Artikolu 17(4)	—
Artikolu 18(1)	—
Artikolu 18(2)	—
Artikolu 19(1)	Artikolu 28(1)
—	Artikolu 28 (2),(3) u (4)
Artikolu 19(2)	Artikolu 28(5)
—	Artikolu 30
—	Artikolu 32
—	Artikolu 34
—	Artikolu 35
Artikolu 20	Artikolu 39
Artikolu 21(1)	Artikolu 40(1)
Artikolu 21(2)	Artikolu 40(2)
Artikolu 21(3)	Artikolu 40(4), l-ewwel u t-tieni sentenza
—	Artikolu 40(4), it-tielet sentenza
—	Artikolu 43
—	Artikolu 44
—	Artikolu 45
Artikolu 22, l-ewwel paragrafu	Artikolu 46(1)
Artikolu 22, it-tieni paragrafu	Artikolu 22, it-tielet paragrafu
Artikolu 46,(2)	Artikolu 46(3)
Anness I	Anness I
—	Anness II
Anness II	Anness III
—	Anness IV
—	Anness V